# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 376 • JANNAR 2018 • IT-38 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



## » Paċi taħt il-ħarsien ta' Marija Omm Alla

NEWSPAPER POST ISSN 1811-5373

# BORD EDITORJALI

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributuri Malta**
Alfred Ebejer

**Distributuri Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:** Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789

**© Dawl Franġiskan 2018**
**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tal-rivista.

# WERREJ

3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
**Inkunu strumenti ta' paċi**

5 Apprezzament
Fr Philip Cutajar OFMCap
**Winston ħalliena**

6 Reliġjon u Storja
Mons. Dun Salv Grima
**Negħlbu kull tfixkil tal-passat**

10 Kultura u Spiritwalità
Fr Thomas Calleja OFMConv
**L-ikona tat-twelid**

12 Esperjenza
Michelle Camilleri, Kimberly Muscat u Daniela Vella (Membri tal-grupp F.Act)
**L-Esperjenza f'Assisi**

14 Valletta – Ġawhra Unika
Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
**Il-Knisja Kolleġġjata u Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu**

15 Kultura u Ambjent
Gordon Cilia
**Il-knisja tal-Vitorja**

16 Nixtieq nagħmel saċerdot

18 Katekeżi
Emily Barbaro Sant
**Stejjer qosra b'tagħlima**

20 Novella
Fr Richard Bonnici OFMCap
**Inti bħalek m'hawnx!**

22 Is-sitwazzjoni preżenti fil-missjoni tal-Kenja

23 Riċensjoni
Francesco Pio Attard
**Għaliex Kristu hu "Sultan"**

24 Pastorali tas-saħħa
Patri Mario Attard OFMCap
**Tnejn oħra u kont...**

26 Sehem il-lajċi fil-Knisja
Jude Muscat
**"Jekk tmut, tagħmel ħafna frott"**

28 Aħbarijiet tal-provinċja
Br Miguel Zammit OFMCap
**Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin**

31 Rokna għat-tfal
Fr Wistin Attard OFMCap
**Aqta' Min Nru 31**
Tisliba Nru 161




## Tifsira tal-faċċata

Nibdew is-sena l-ġdida billi filwaqt li niċċelebraw il-festa ta' Marija Omm Alla niddedikaw il-ġurnata tal-1 ta' Jannar bħala Jum il-Paċi. Kemm hu sabiħ u għaqli li nibdew is-sena 2018 billi npoġġuha taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija bħala Sultana tal-Paċi. Ejjew flimkien nagħmlu impenn kollettiv billi naħdmu flimkien għall-paċi vera ma' Alla, bejnietna, magħna nfusna, mal-Knisja u mal-ambjent ta' madwarna. Dan huwa l-isbaħ awgurju għas-sena li qed nagħtu bidu għaliha.

# INKUNU STRUMENTI TA' PAĊI



EDITORJAL
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Għall-grazzja t'Alla qed nagħtu bidu għal sena ġdida: is-sena 2018. Iż-żmien igerbeb. Sena għaddiet u mietet bħas-snin ta' qabilha, u issa permezz ta' dan ix-xahar ta' Jannar qed naqilbu l-kalendarju taż-żmien ta' ħajjitna. Bħal kull sena, fl-1 ta' Jannar, filwaqt li bħala Nsara Kattoliċi niċċelebraw il-festa ta' Marija Omm Alla, neddedikaw ukoll dan il-jum bħala Jum il-Paċi. X'hemm isbaħ milli nagħtu bidu għas-sena l-ġdida billi nawguraw lil xulxin sena u ħajja ta' paċi taħt il-ħarsien ta' Marija Omm Alla, Ommna u Sultana tal-Paċi?

### Il-ħames aspetti tal-paċi

Meta nitkellmu dwar il-paċi u s-sliem fil-ħajja tagħna tajjeb li nħarsu lejn dan il-valur fl-erba' aspetti tiegħu:

### L-ewwel u qabel kollox, paċi ma' Alla

Din nakkwistawha meta ngħixu fil-grazzja ta' Alla, billi naħarbu kull dnub li jbegħedna minn Alla;

### It-tieni, paċi magħna nfusna

Meta jirnexxilna nsolvu kull kunflitt li jista' jkollna fuq livell personali;

### It-tielet, paċi mal-oħrajn u ma' kulħadd, bla distinzjoni ta' ħadd

Ħbieb kulħadd; inħobbu lil xulxin hekk kif aħna nixtiequ li l-oħrajn iħobbu lilna;

### Ir-raba', paċi mal-ekoloġija u man-natura ta' madwarna

Nagħmlu mill-ambjent id-dar tagħna lkoll, billi nħarsuh u niddefenduh minn dawk li jridu għall-egoiżmu tagħhom jeqirduh;

### Il-ħames, bħala Nsara Kattoliċi nemmen li huwa wkoll importanti għalina li nkunu paċi mal-Knisja bħala sagrament ta' salvazzjoni għalina lkoll

Dan naslu għalih billi nħobbu lill-Knisja bħala għalliema u ommna, u nkomplu ngħożżu t-tagħlim li twasslilna biex tlaqqagħna ma' Ġesù.

Jekk inħarsu lejn dawn il-ħames aspetti tal-paċi li aħna msejħin sabiex ngħixu (hemm min forsi jista' jżid oħrajn magħhom) u naraw liema minnhom hija l-aktar waħda importanti jew liema waħda minnhom hija l-aktar diffiċli, nistgħu ngħidu li kollha huma meħtieġa u kollha hemm fihom l-iebes tagħhom sabiex tgħixhom. Waħda tiddependi mill-oħra; ma jistax ikollok waħda jekk ma jkollokx l-oħrajn, speċjalment l-ewwel waħda.

### Liema paċi rrid?

Jeżistu diversi tipi ta' paċi. Mhux kull tip ta' paċi hija vera. Hemm tip ta' paċi li hija vera u hemm oħrajn li huma foloz.

### Paċi Imponuta...

L-hekk imsejħa wkoll il-*pax Romana*. Paċi imponuta fuq in-nies bil-forza u l-biża', għax jekk titkellem, jekk turi l-opinjoni tiegħek, jekk tipprotesta, tiġi kkastigat. Jiena għamilt esperjenza ta' dan it-tip ta' paċi fit-tnax-il sena ġewwa Kuba taħt reġim Komunist, fejn id-demokrazija kif nafuha aħna ma teżistix.



### Paċi ta' Indifferenza...

Dik il-paċi frott l-apatija... x'jimpurtani... tajjeb jien, tajjeb kulħadd. Paċi mibnija fuq l-egoiżmu sfrenat. X'jimpurtani mill-inġustizzji li ħaddieħor qed isofri? L-aqwa li ma jolqtux lili u lill-familja tiegħi! Nibqa' indifferenti quddiem

l-inġustizzji, ma ngħid u ma nagħmel xejn biex "la nfuħ u lanqas ninten", kif jgħid il-Malti. Nibqa' newtrali għax hekk jaqbilli.

### Paċi Evanġelika…

Dik il-paċi li titwieled minn ġewwa, frott il-ħbiberija tiegħi ma' Alla, l-awtur tal-vera paċi. Dik il-paċi mibnija fuq l-imħabba lejn il-proxxmu. Paċi li lesta biex tidħol għal kull riskju, biex tħares u tiddefendi d-drittijiet tal-oħrajn. Dik il-paċi integra, sħiħa u kompluta li Ġesù ġie jxettel fil-qlub tan-nies ta' rieda tajba.



### Il-Papa Franġisku

Il-kelma 'paċi' nsibuha ta' spiss fil-vokabolarju tal-Papa Franġisku, kif kienet ukoll fuq fomm il-papiet kollha ta' qablu. Meta nisimgħu l-omeliji u naqraw id-diversi kitbiet li kontinwament qed jagħtina l-Papa Bergoglio, b'dak l-istil dirett, ċar u sempliċi tant li jifhmu kulħadd, speċjalment meta jitkellem jew jikteb dwar dawk id-dnubiet li qed ikissru l-ħajja umana, bħalma huma: il-gwerer, il-vjolenza, il-kriminalità, id-disprezz lejn id-dinjità tal-ħajja, il-korruzzjoni u t-telfien tas-sens u tal-valuri tal-ħajja unika u irrepetibbli ta' kull bniedem, ma jonqosx li jpoġġi quddiemna l-isfida tal-paċi. Il-paċi ma' Alla u bejnietna, il-paċi magħna u man-natura ta' madwarna, huma s-soluzzjoni tal-kunflitti li jeżistu fil-bniedem stess, fost il-bnedmin u fid-dinja.

Sa mill-bidu tal-ministeru tiegħu bħala isqof ta' Ruma, il-Papa saħaq fuq l-importanza li negħlbu "l-kultura tal-iskart" billi nippromwovu "l-kultura tad-djalogu", li jwassal sabiex nimxu u nibnu flimkien dinja fejn isaltnu l-ġustizzja u l-paċi.

Il-Papa Arġentin kontinwament jisfidana mhux biss għall-paċi politika imma fuq kollox għall-paċi interjuri, tal-qalb, jiġifieri fejn kull wieħed u waħda minna jkollna dak l-atteġġjament ta' ħajja li jgħinna nirbħu kull kunflitt u negħlbu l-qawwa tal-ħażen li hemm ġewwa fina, li jekk ma nikkontrollawhiex twassalna sabiex inkattru l-vjolenza kontra xulxin.

### Il-paċi hija possibbli

Hekk qalilna l-Papa Franġisku, li tassew jixraqlu dan l-isem, imnebbaħ minn San Franġisk t'Assisi, il-qaddis tal-paċi. Fl-okkażjoni tat-48 Jum Dinji tal-Paċi, fl-1 ta' Jannar 2015 il-Papa qalilna li *"l-paċi hija dejjem possibbli, u għalhekk għandna nfittxuha u naħdmu għaliha. Il-paċi trid tkun l-impenn tagħna ta' kuljum, impenn kuraġġuż u awtentiku, impenn favur ir-rikonċiljazzjoni, kontra kull firda u inġustizzja, billi nibnu pontijiet ta' djalogu u nkunu qaddejja tad-dgħajfin u dawk li jħossuhom l-imwarrba tas-soċjetà."*

Dan nagħmluh billi fil-ħajja tagħna ta' kuljum infittxu li nkunu bennejja u strumenti ta' paċi. Din hija *"l-ħolma ta' Alla, il-proġett ta' Alla għall-umanità, għall-istorja, għall-ħolqien kollu. Huwa proġett li dejjem qed isib oppożizzjoni mill-bniedem u mid-demonju… f'dinja fejn qed nassistu għat-tielet gwerra dinjija magħmula 'f'biċċiet'… Iva, qed ngħixu fi klima ta' gwerra."* (Sarajevo, 6 Ġunju 2015)





# WINSTON ĦALLIENA



Winston fuq id-desk tal-Uffiċċju tal-Missjoni minn fejn kien iwettaq il-ħidma ta' kuljum tiegħu.

APPREZZAMENT

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Din kienet il-kelma li ġriet fuq fomm dawk kollha li kienu jafu lis-Sur Winston Zammit, li huma ħafna. Winston, li ħalliena biex mar fi ħdan il-Mulej, Ħallieq u Missier tiegħu, fis-sigħat bikrin ta' nhar is-Sibt, 18 ta' Novembru 2017. Jiena nemmen li ma nkunux eżatti meta ngħidu 'Winston ħalliena', imma jixraq li ngħidu 'Winston wasal'. Wasal fil-ħajja ta' dejjem, li tant kien imxennaq u ħadem għaliha. Fost il-ħafna familjari u ħbieb li ħalla jibku t-telfa tiegħu hemm aħna l-Franġiskani Kapuċċini u l-voluntiera fl-Uffiċċju tal-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Furjana.

Is-Sur Winston (BA (Hons), PGCE, MA) investa s-snin ta' ħajtu fi twettiq ta' opri tajba u qaddisa, speċjalment bħala għalliem tal-Istorja u l-Istudji Soċjali f'diversi skejjel sekondarji tal-gvern. Fl-aħħar tal-karriera tiegħu bħala għalliem laħaq assistent kap tal-Liċeo tal-Ħamrun. Huwa mhux biss kien sempliċiment għalliem tal-Istorja, imma kien jirnexxilu jixgħel fjamma ta' mħabba lejn l-istorja ta' pajjiżna fil-qlub tal-istudenti tiegħu. Kemm-il darba kien ikollu xi student batut jew m'għaddiex minn xi eżami u kien joffrilu li jagħtih lezzjonijiet b'xejn wara l-ħin tal-iskola. Bħala storiku ħallielna madwar 20 ktieb dwar l-Istorja (fosthom kotba ta' storja dwar Tas-Sliema u Birkirkara), flimkien ma' diversi artikli dwar l-istess suġġett li kien tassew iħobb. Huwa kien u ser jibqa' bħala kittieb regolari fir-rivista *Dawl Franġiskan* bl-artikli tiegħu dwar l-istorja tal-Kapuċċini f'Malta. Qed ngħid 'ser jibqa'' għaliex qabel ma ħalliena għaddieli sensiela ta' artikli dwar l-istorja tal-Kapuċċini f'Malta li għadhom mhumiex ippubblikati u li wegħedtu li ser nippubblikahomlu.

Aħna l-Kapuċċini, speċjalment fil-Furjana, żgur li ser inħossu n-nuqqas ta' Winston. Il-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana għal Winston kien it-tieni dar tiegħu. Winston, li għex 67 sena (1950-2017) għadda nofshom, jiġifieri dawn l-aħħar 33 sena, jaħdem magħna u għalina l-Kapuċċini. Qatt ma naqas, fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa, inklużi l-Ħdud, xemx jew xita, li ma jiġix, dejjem bil-karozza tal-linja, sabiex jagħti b'mod volontarju l-kontribut tiegħu kemm fl-uffiċċju tal-missjoni u mhux b'inqas fl-arkivju u l-bibljoteka tal-provinċja. Il-missjoni u l-missjunarji kien tassew iħobbhom. Bħala għalliem fl-iskejjel kien ukoll inissel fost l-istudenti mħabba lejn il-missjoni bil-karus, li kien iħeġġeġ lit-tfal u l-adolexxenti jitfgħu fih xi ħaġa mill-*pocket money* għall-missjoni, u arah ġej ferħan flimkien mat-tfal bil-karus mimli.

Winston ħalliena imma warajh ħalla ħafna tifkiriet sbieħ, u żgur sejrin inkomplu niftakru fih u nitolbu għalih... għalkemm nemmen li huwa hu li diġà qed jitlob għalina mis-sema. Winston, bħala Kapuċċini ngħidulek "Grazzi" li daħħaltna f'qalbek u ħdimt magħna u għalina. Il-Mulej, għal dak li għamilt f'ismu, jagħtik aktar mill-mitt darba, u fuq kollox il-premju tal-ħajja ta' dejjem. Nitolbu sabiex il-forma li fuqha Alla ħoloq lill-ħabib u benefattur tagħna s-Sur Winston ma jkissirhiex, imma joħloq bnedmin oħra fuqha, għax is-soċjetà tagħna għandha bżonn ferm ta' persuni b'qalbhom kbira u ġeneruża bħalma kien Winston.



Winston qed jagħti d-diskors tiegħu fl-okkażjoni tal-memorja tal-mibki Patri Krispin Tabone OFMCap.

IĊ-ĊENTINARJU TAR-RIFORMA

# NEGĦLBU KULL TFIXKIL TAL-PASSAT

**(It-tieni parti)**



RELIĠJON U STORJA

MONS. DUN SALV GRIMA

Meta fl-aħħar ta' Ottubru 2016 kellu żjara appostolika partikolari fl-Iżvezja, b'rabta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-500 sena mir-Riforma Luterana, li ġiet imfakkra s-sena li għaddiet, il-Papa Franġisku mhux biss issieħeb ma' dawk preżenti fit-talb iżda wera pass ieħor importanti fil-mixja tal-fraternità lejn għaqda sħiħa, u stieden biex inkomplu nitolbu għal dan il-għan.

Kien fis-17 ta' Novembru 1980 meta l-Papa San Ġwanni Pawlu II indirizza l-Kunsill tal-Knejjes Evanġeliċi Luterani tal-Ġermanja f'Mainz u insista fuq l-urġenza għal stqarrija komuni ta' fidi waħda u dwar il-ħtieġa tal konverżjoni minn kull naħa sabiex issir l-għaqda mixtieqa.

Fil-31 ta' Ottubru 1983, fl-okkażjoni tal-500 sena mit-twelid ta' Luteru (1483-1546), kien l-istess Papa li bagħat ittra lill-Kardinal Willebrands, il-President tas-Segretarjat li jmexxi l-għaqda tal-Insara, fejn esprima li "hemm bżonn sforz doppju xi jsir rigward Luteru, u dejjem għall-għaqda mill-ġdid. Hu meħtieġ li jkun magħruf dak li ġara sewwa fl-istorja, billi ssir investigazzjoni bla preġudizzji, imma kollox ikun immexxi biex tkun magħrufa l-verità. Dan biex tingħata dehra vera ta' Luteru u taż-żmien kollu li ilha sejra r-Riforma, kif ukoll tal-persuni involuti fiha. Fejn sar xi żball, għandu jiġi magħruf. Fejn il-kontroversja dallmet jew fixklet xi ideat, dawn għandhom ikunu kkoreġuti minn naħa u minn oħra.

"Barra minn hekk," kompla l-Papa, "għandna nevitaw li nkunu mmexxija minn xi intenzjoni li nidhru li aħna minn fuq jew bħala xi mħallfin tal-istorja, iżda li nkunu mqanqlin biss minn motiv li nifhmu aħjar x'ġara biex insiru messaġġiera tal-verità."

### Ħidma li trid titkompla

Kien interessanti d-diskors tiegħu waqt it-talba ekumenika fil-Katidral ta' Lund fl-Iżvezja, fejn il-Papa Franġisku wera liema premura għandu jkollna quddiem dawn il-ġrajjiet li seħħew f'dawn l-aħħar 50 sena ta' ħidma u djalogu. Dawn m'għandhomx jisfaw fix-xejn, u lanqas m'għandna nirrassenjaw ruħna bil-firda u d-distanza li din id-diviżjoni tagħna ħolqot bejnietna.

Fil-ġudizzju tiegħu fl-istess messaġġ il-Papa kompla wera l-apprezzament għall-"esperjenza spiritwali ta' Martinu Luteru, li tisfidana biex niftakru li mingħajr Alla ma nistgħu nagħmlu xejn. Din ir-realtà baqgħet thewden f'moħħ Luteru." Huwa ssokta li din il-kwistjoni tgħodd anki għalina u għal ħajjitna, jiġifieri dwar ir-relazzjoni korretta ma' Alla. "Bħalma nafu," issokta l-Papa, "Luteru ltaqa' ma' Alla b'mod favorevoli permezz tal-Bxara t-Tajba ta' Kristu, l-Iben Inkarnat, li miet u rxoxta. Bl-espressjoni 'bil-grazzja biss' Luteru jfakkarna li Alla hu li jieħu l-inizjattiva qabel kull risposta tal-bniedem, anki waqt li dan jistinka biex iqajjem dik it-tweġiba." Fid-dawl ta' dan kollu ma ninsewx li l-espressjoni Luterana kellha tiġi ċċarata fit-teoloġija biex bdiet tinftiehem aħjar: "bil-grazzja biss iżda qatt weħidha," sintendi għax hemm ukoll l-opri tal-bniedem bħala tweġiba tiegħu u li huma lkoll taħt il-qawwa tal-grazzja ta' Alla. "Għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw. 15, 5).



### It-twemmin fil-fidi Kattolika

Il-problema Luterana ma baqgħetx waħda limitata għall-kwistjoni tal-indulġenzi biss. Minkejja l-kundanni li kellu mill-bidu biex jieqfu l-iżbalji, Luteru iktar taha biex jikteb fit-tul, tant li wassal b'mod definittiv għall-orjentament tar-Riforma. Beda jxerred iċ-ċaħda tal-awtorità tal-Papa u tal-ministeru tiegħu inġenerali. Fit-twemmin tagħna nistqarru li "l-Papa, Isqof ta' Ruma u suċċessur ta' San Pietru, huwa prinċipju perpetwu u viżibbli u l pedament tal-għaqda li torbot flimkien kemm l-isqfijiet u kemm il-kura tal-fidili. L-Isqof ta' Ruma, bis-setgħa tal-uffiċċju tiegħu bħala vigarju ta' Kristu u ragħaj tal-Knisja kollha, għandu fil-Knisja setgħa sħiħa u suprema u universali, u jista' dejjem iħaddimha bla ebda xkiel" (KKK 882).

Fil-qilla tal-kontroversja dwar l-indulġenzi nqalgħu diversi problemi oħrajn, fosthom dwar il-purgatorju u miegħu wkoll dwar il-Kotba Kanoniċi tal-Iskrittura. Luteru infatti kkumbatta l-valur kanoniku taż-żewġ kotba tal-Makkabin, billi ma kinux fil-kanoni Lhudi. Għall-ewwel dawn iż-żewġ kotba tniżżlu bħala żieda fil-Bibbja tar-Riforma, iżda bħala qari ta' ċertu siwi u mhux bħala awtorità. Wara twarrbu bħala kotba apokrifi (mhux ta' min jgħoddhom b'ġenwini).

It-tweġiba tagħna nsibuha ripetuta fil-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II. "Ommna l-Knisja Mqaddsa, b'fidi ġejja mill-appostli, tqis bħala Kotba Mqaddsa u kanoniċi l-kotba kollha tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid, bil-partijiet kollha tagħhom, għaliex, miktuba taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, għandhom 'l Alla bħala awtur tagħhom u ngħataw lill-istess Knisja bħala kitba ta' Alla." (DV 11)

### It-twemmin fil-purgatorju

Mill-bidu wkoll Luteru beda jirrifjuta t-tagħlim dwar il-purgatorju, għall-ewwel b'mod indirett billi ċaħad il-fundament bibliku tiegħu u billi ħoloq dubji dwar l-istat tal-erwieħ fil-purgatorju u dwar l-impossibiltà għalihom li jpattu għal dnubiethom. Dan stqarru f'erba' propożizzjonijiet li ġew ikkundannati mill-Papa Ljun X (1520). Fl-aħħar ċaħad għalkollox l-eżistenza tiegħu, u dan għamlu b'mod sistematiku, għax għalih it-tpattija tad-dnubiet tmur kontra l-prinċipji fundamentali tar-Riforma dwar is-salvazzjoni 'bil-grazzja biss'.

It-twemmin tagħna hu li "dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhux safja għalkollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom iġarrbu purifikazzjoni biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fl-hena tas-sema" (KKK 1030). "Il-Knisja fissret il-fidi tagħha dwar il-purgatorju l-aktar fil-konċilji ta' Firenze (1431-1445) u ta' Trentu (1545-1563)" (KKK 1031). "Dan it-tagħlim hu mibni wkoll fuq id-drawwa tat-talb għall-mejtin, li dwarhom titkellem l-Iskrittura (ara 2 Mak. 12-46). Sa mill-ewwel żminijiet il-Knisja tat ġieħ lit-tifkira tal-mejtin u offriet suffraġji għalihom, b'mod partikolari s-sagrifiċċju ewkaristiku, biex, imsoffija minn dnubiethom, jistgħu jaslu għall-viżjoni beatifika ta' Alla. Il-Knisja tirrakkomanda wkoll il-karità, l-indulġenzi u l-penitenzi b'suffraġju għall-mejtin." (KKK 1032)



## Is-sagramenti fil-fidi Kattolika

Kien il-Konċilju ta' Trentu li reġa' stqarr li 7 huma s-sagramenti, kontra Luteru li kien naqqashom għal 3 u mbagħad għal 2, jiġifieri l-magħmudija u l-ewkaristija. Ġie affermat li s-7 sagramenti ġew imwaqqfa minn Kristu, bla ma jeskludi l-possibiltà tal-medjazzjoni fl-istituzzjoni ta' xi wħud minnhom. Il-konċilju kompla jgħallem kontra Luteru li, għax kien iżomm li s-salvazzjoni kienet permezz tal-fidi biss, baqa' jistqarr li s-sagramenti huma superfiċjali jew l-iktar li kellhom xi frott kemm-il darba jħeġġu l-fidi. Trentu żied jafferma l-effikaċja tal-grazzja għal kull sagrament, waqt li 3 minnhom għandhom karattru sagramentali kif spjegat minn San Tumas ta' Aquino. Ikkundanna wkoll it-tagħlim ta' Luteru, li kien iżomm li s-sagramenti huma effettivi biss skont il-fidi ta' min jirċevihom, u li bl-ebda mod ma jiddependu mill-persuna u l-intenzjoni tal-ministru.




Fi kliem ieħor dwar din l-aħħar parti nsibu dak li tgħid il-fidi Kattolika, "li s-sagramenti jaħdmu mill-fatt stess li qiegħed isir għemil, jiġifieri bis-saħħa tal-ħidma għas-salvazzjoni ta' Kristu, ħidma li saret darba għal dejjem. Minn dan jiġi li s-sagrament ma jseħħx permezz tal-ġustizzja tal-bniedem li jagħti s-sagrament jew jirċevih, iżda bil-qawwa ta' Alla. Sakemm sagrament hu ċċelebrat skont il-fehma tal-Knisja, is-setgħa ta' Kristu u tal-Ispirtu tiegħu jaħdmu fih u permezz tiegħu, tkun xi tkun il-qdusija personali tal-ministru. Iżda l-frott tas-sagramenti jiddependi wkoll mid-dispożizzjonijiet ta' min jirċevihom." (KKK 1128)

Fost ir-riformaturi ntweriet ukoll attitudni ħarxa kontra l-qima tal-qaddisin daqslikieku xi ħaġa opposta għall-ispirtu tal-Kristjaneżmu. Luteru, però, waqt li ammetta li hija ħaġa leġittima li tingħata qima u li l-qaddisin jiġu imitati, irrifjuta l-interċessjoni tagħhom għalina.

It-tweġiba tagħna għal dan insibuha fil-Konċilju Vatikan II: "Dawk li ġa qegħdin jgħammru fis-sema, għaliex huma magħqudin ma' Kristu b'mod iktar intimu, jgħinu biex il-Knisja tissaħħaħ aktar fil-qdusija. Ma jieqfu qatt jidħlu għalina quddiem il-Missier u joffru l-merti li kisbu fuq l-art permezz ta' Ġesù Kristu, medjatur waħdieni bejn Alla u l-bnedmin... Għalhekk il-ħerqa tagħhom ta' aħwa tgħin ħafna d-dgħufija tagħna." (DV 49)

## L-għaqda fis-sagramenti

Kontra Luteru u oħrajn il-Konċilju ta' Trentu reġa' insista li fl-ewkaristija sseħħ it-transustanzazzjoni (il-bidla sħiħa tas-sustanza tant li mill-ħobż u mill-inbid tibqa' biss id-dehra esterna tagħhom), u mhux preżenza tal-ħobż u l-inbid flimkien mal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. (KKK 1375-77)

Iktar tagħlim żbaljat minn Luteru u sħabu kien dwar is-sagrifiċċju ta' Kristu, li huwa limitat għal dak tas-salib biss, b'ċaħda ta' kull rabta tal-Aħħar Ċena mal-mewt sagrifikali tiegħu. L-ikla tal-aħħar li l-Knisja tiċċelebra rriduċewha għal azzjoni qaddisa bla ebda valur ta' sagrifiċċju! Għall-kuntrarju, "il-quddiesa hi fl-istess ħin ħaġa waħda mat-tifkira sagrifikali li fiha jiġġedded għal dejjem is-sagrifiċċju tas-salib u l-ikla mqaddsa tal-għaqda mal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu bit-tqarbin." (KKK 1382)

Dwar is-sagrament tal-qrar Luteru mexa skont id-duttrina tiegħu tal-ġustifikazzjoni, jiġifieri li l-grazzja hija esklussivament rigal ta' Alla, u hija tagħna mhux minħabba xi ħidma jew mertu min-naħa tagħna iżda permezz tal-fidi biss! Huwa kien tal-fehma li l-qrar huwa sagrament ta' min jirrakkomandah bla ma jisforza lil ħadd, iżda biex iżommu bħala mezz li jqanqal il-fidi fil-maħfra ta' Alla. Għalih l-effett tal-assoluzzjoni lill-midneb kien sempliċiment konferma biex wieħed ikun żgur mill-wegħda ta' Alla. Il-KKK jisħaq li "l-qrara individwali u sħiħa bl-assoluzzjoni tibqa' s-sura waħda ordinarja li biha l-fidili jiksbu r-rikonċiljazzjoni

ma' Alla u mal-Knisja..." (1484, 1497), kif ukoll "is-sagrament tal-penitenza jiġbor fih tliet għemejjel tal-penitent (sogħba, stqarrija tad-dnubiet, għemil ta' tpattija) flimkien mal-assoluzzjoni tas-saċerdot." (1491)

Luteru ħadha kontra d-drawwa tal-Knisja dwar dan is-sagrament għax hu fehem li b'hekk l-opri tal-penitent kienu qed jingħataw iktar importanza mill-fidi fil-ħniena ta' Alla. Għalih dan kien ifisser ukoll li seta' jwassal lill-bniedem biex jafda iktar fih innifsu milli f'Alla. Ma tistagħġibx allura jekk Luteru joħroġ bi kliem bħal dak li kiteb f'ittra lil Melanchthon (1521): "Kun midneb u idneb b'saħħa kbira, iżda b'qawwa ikbar emmen u gawdi fi Kristu!" (*Be a sinner and sin boldly, but more boldly believe and rejoice in Christ!*)

Barra minn hekk, Luteru żied jiċħad l-għoti tas-setgħa tal-maħfra lis-saċerdot, għax dan jagħtik x'tifhem li s-sagrament tal-penitenza sar xi forma ta' dominazzjoni klerikali. It-tweġiba tagħna għal dan insibuha fil-KKK: "Għaliex Kristu ried jafda lill-appostli l-ministeru tiegħu tar-rikonċiljazzjoni, l-isqfijiet suċċessuri tal-appostli u l-presbiteri kollaboraturi tal-isqfijiet baqgħu jaqdu dan il-ministeru. Dan għaliex



huma l-isqfijiet u l-presbiteri li, bis-saħħa tas-sagrament tal-Ordni, għandhom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" (1461). "Is-saċerdot, huwa u jiċċelebra s-sagrament tal-penitenza, ikun jaqdi l-ministeru tar-Ragħaj it-Tajjeb, li jfittex in-nagħġa mitlufa... F'kelma waħda s-saċerdot hu sinjal u strument tal-imħabba kollha ħniena ta' Alla għall-midneb" (1465). Għalhekk, ikompli l-Katekiżmu, "il-konfessur mhux is-sid imma l-qaddej tal-maħfra ta' Alla. Il-ministru ta' dan is-sagrament irid jingħaqad mal-intenzjoni u mal-imħabba ta' Kristu..." (1466)

## Il-mixja mfissra mill-Papa

Minn din l-istorja kollha, li tiġbor diversi żbalji dottrinali li nħolqu minħabba r-Riforma Luterana, in-Nisrani Kattoliku għandu x'jifli aħjar it-twemmin tiegħu biex iħaddnu b'fidi sħiħa waqt li jevita t-tentazzjoni tal-preġudizzji, kundanni jew stmerrija. Dan għandu jkun il-veru spirtu ekumeniku li jwassal għall-maħfra, djalogu u sinċerità għall-għaqda mixtieqa.

Kien f'dan l-ispirtu li fid-19 ta' Jannar 2017 il-Papa Franġisku esprima lill-pellegrini mill-Finlandja, immexxija mill-Arċisqof Luteran Karl Makinen ta' Turku, li l-intenzjoni ta' Luteru kienet biss li jġedded il-Knisja u mhux li jaqsamha. Forsi hu każ ta' kif ħadd minna ma jista' jiġġudika lil ħaddieħor minkejja l-għemejjel jew l-istqarrijiet li jkunu saru.

Fid-diskors tal-istess okkażjoni l-Papa wera x'għandha tkun l-imġiba taż-żewġ naħat fiċ-ċirkustanzi preżenti, anki fid-dawl tal-aħħar 50 sena mindu beda dan il-moviment bejn il-Knisja Kattolika u l-Federazzjoni Dinjija Luterana.

Huwa fakkar li qed naqsmu bejnietna l-konverżjoni lejn Kristu Feddej, li tkompli tressaqna iktar lejn xulxin. Għandna nduru iktar lejn l-Ispirtu s-Santu fit-talb iktar imħeġġeġ biex ngħixu l-esperjenza tal-konverżjoni li twassalna għar-rikonċiljazzjoni. Kull kommemorazzjoni flimkien u fejn ikun hemm it-talb tħalli frott kemm fuq livell uman kif ukoll fl-aspett teoloġiku-spiritwali.

Dan id-djalogu ekumeniku jwassal għal iktar għarfien u anki ftehim dwar punti li fuqhom jista' jkun hemm qbil. Għandu wkoll iħalli fil-qlub is-sens ta' ndiema għan-nuqqasijiet kollha tal-imgħoddi. Li niltaqgħu flimkien joffrilna kuraġġ u qawwa fil-Mulej biex nitfgħu ħarsitna 'l quddiem fil-mixja ekumenika li aħna msejħin nagħmlu flimkien.

Id-djalogu teoloġiku jibqa' dejjem meħtieġ kemm għar-rikonċiljazzjoni u biex tinħoloq għaqda fejn tista' titwettaq il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Hija ħidma ta' konverġenza dwar punti dottrinali u tagħlim morali tal-Knisja bil-għan li sseħħ l-għaqda iktar sħiħa u viżibbli. Hija okkażjoni għaż-żewġ naħat biex b'fidi iktar ġenwina niskopru l-Vanġelu flimkien b'xhieda mġedda fi Kristu.

# L-IKONA TAT-TWELID

## Il-ħames parti



KULTURA U SPIRITWALITÀ

FR THOMAS CALLEJA OFMCONV



*L-Ikona tal-Inkarnazzjoni* – Skola ta' Monte Athos (2000) 60 x 50 m., Bażilka ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex

Ma jistax jonqos li fix-xahar ta' Jannar, Żmien il-Milied u l-Epifanija, ma nitkellmux dwar l-ikona tal-"*Verb li sar bniedem u għammar fostna*" (Ġw. 1, 14).

Għar-riflessjoni tagħna għażilt li naqsmu l-fliegu u mmorru fil-gżira tat-tliet għoljiet, biex nitfgħu r-rifletturi tagħna fuq l-*Ikona tal-Inkarnazzjoni*, meqjuma fil-bażilka ta' San Ġorġ Megalomartri, fir-Rabat ta' Għawdex.

Ngħidu mill-ewwel li din mhix xi ikona mgħobbija biż-żmien, bħal dawk li tkellimna dwarhom fir-riflessjonijiet ta' qabel. Madanakollu din l-ikona għandha marbuta magħha tifsir spiritwali profond kif ukoll messaġġ ekumeniku qawwi. Din l-ikona tal-Inkarnazzjoni tibqa' marbuta mal-istorja tal poplu Għawdxi, u dak Ġorġjan b'mod partikolari, bħala tifkira ħajja tal-Ġublew tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu fis-sena 2000. Din l-ikona kienet mogħtija lill-parroċċa ta' San Ġorġ bħala rigal mill-Qdusija Tiegħu l-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli, Bartilmew I.

L ikona saret minn monaku ta' wieħed mill-monasteri tal Għolja Athos, in-naħa ta' fuq tal-Greċja, fuq ordni tal-Patrijarka nnifsu, apposta għall-bażilka ta' San Ġorġ. L-isem tal-ikonografu skont id-drawwa Ortodossa jibqa' mhux magħruf. Madanakollu, minn tagħrif li ġbart, l-ikonografu skont il-Patrijarka huwa wieħed fost l-aħjar ikonografi li hemm fuq Monte Athos. Meta f'okkażjoni oħra l-Patrijarka Bartilmew irregala ikona lill-President Bill Clinton fl-1999, l-ikona kien għamilha l-istess ikonografu.

### Il-Parti Ċentrali tal-Ikona

L-ikona tal-Inkarnazzjoni twassal permezz tal-kuluri l-kontenut teoloġiku u spiritwali tat-twelid ta' Ġesù, il-mument meta "*l-Verb sar bniedem u għammar fostna*" (Ġw. 1, 14). Jolqotna mill-ewwel is-sens ta' dawl. Kull rokna tal-ikona hija mdawla simbolikament bid-deheb, li huwa s-simbolu tad-dawl u tal-glorja tas-Salvatur li twieled għalina.

Ninnutaw li l-ikona hija maqsuma fi tliet livelli orizzontali. Fil-livell tan-nofs tispikka l-figura ta' Marija mimduda u bilqiegħda fl-istess waqt. Dan għandu tifsir dommatiku, biex juri kemm l-oriġini divina tat-tfajjel u kemm il-verġinità tal-omm. Marija qiegħda fuq friex ta' lewn aħmar, li jrid ifisser li hija mgħottija bid-dell tal-Ispirtu s-Santu, kif ħabbrilha l-anġlu fit-tħabbira (Lq. 1, 35). Dan ifisser ukoll li qed tagħti lid-dinja l-ewwel iben tagħha (Lq. 2, 7), frott tal-ħidma tal-istess Spirtu s-Santu (Mt. 1, 29). It-tliet stilel fuq il-mantell ta' Marija juru li kienet verġni qabel, waqt u wara t-twelid ta' Binha.

It-tfajjel Ġesù jidher fil-maxtura, kif habbar l-anġlu: "*Issibu tarbija, imfisqija u mimduda f'maxtura*" (Lq. 2, 12). Din ix-xena, li seħħet b'Betlem, id-dar tal-ħobż, tfakkarna fl-Ewkaristija, fejn Ġesù huwa preżenti bħala l-*Għimmanu-El – Alla magħna* (Mt. 1, 23). Il-maxtura hija l-artal li fuqu niżel Ġesù, li hu stess qal: "*Jien hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema*" (Ġw. 6, 41).

## Fid-Dawl naraw id-Dawl

Is-swidija tal-għar hi simbolu tal-ħażen u d-dlam, li issa ngħeleb mid-dawl tal-lejl li fih twieled Ġesù. Dak il-lejl kien *"lejl ta' dawl"*; ma kienx *"il-lejl"* li jitkellem dwaru San Ġwann (Ġw. 13, 30), lanqas ma kien *"is-siegħa u s-setgħa tad-dlamijiet"* li jsemmi San Luqa (Lq. 22, 53). Kien il-lejl kif ħabbar is-Salmista: *"Anqas id-dlam ma hu mudlam; għalik* (Mulej) *il-lejl jiddi bħan-nhar; id-dlam bħad-dawl għalik"* (Salm 139, 12). It-tarbija Ġesù kien *"il-Ħajja"*, li *"kienet id-dawl tal-bniedem, id-dawl jiddi fid-dlam u d-dlam ma għelbux... id-dawl veru li jdawwal kull bniedem"* (Ġw. 1, 5; 9). L-ikona tistedinna biex mas-Salmista ngħidu lill-Mulej: *"Għandek hemm il-għajn tal-ħajja; fid-dawl tiegħek naraw id-dawl"* (Salm 36, 10).

Il-kewkba tidher fin-nofs, bid-dawl tar-raġġi tagħha niżlin min-naħa ta' fuq biex *"idawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt"* (Lq. 1, 79). B'dan id-dawl l-ikona trid tistieden lilna lkoll biex nirriflettu li dan id-Dawl ġie għalina wkoll. Trid tgħidilna biex ma nkunux boloh aħna wkoll, bħal dawk *"il-bnedmin li ħabbew id-dlam aktar mid-dawl"* (Ġw. 3, 19).

Ġewwa l-għar maġenb Ġesù jidhru l-gendus u l-ħmar. Dawn, għalkemm ma jissemmewx fil-Vanġelu, insibu referenza għalihom fil-ktieb ta' Isaija: *"Il-gendus jagħraf lil sidu u l-ħmar il-maxtura ta' sidu, imma Iżrael ma jagħrafx u l-poplu tiegħi ma jifhimx"* (Is. 1, 3). Dawn iż-żewġ bhejjem bl-umiltà u bis-skiet tagħhom iridu jgħallmuna biex aħna nagħrfu lil Ġesù bħala s-Sid tagħna u nilqgħuh f'qalbna.

## In-naħat ta' fuq u ta' isfel tal-ikona

Fil-ġenb tal-lemin in-naħa ta' fuq jidhru żewġ anġli. Wieħed jidher jagħti *"l-aħbar ta' ferħ kbir"* lir-ragħaj, li hawn qed jirrappreżenta lil sħabu r-ragħajja kollha – lilna magħhom (Lq. 2, 10). L-anġlu l-ieħor qiegħed fl-atteġġament ta' qima u adorazzjoni lejn is-*"Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej"* (Lq. 2, 11). Fuq in-naħa tax-xellug hemm tliet anġli oħra li jirrappreżentaw l-għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla: *"Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba"* (Lq. 2, 13-14).

Tajjeb nosservaw li f'xi verżjonijiet oħrajn tal-ikona tat-twelid f'din il-faxxa ta' fuq tal-ikona nsibu wkoll il-Maġi, li ġew Ġerusalemm mil-Lvant biex jistaqsu għas-Sultan tal-Lhud, li kien għadu kemm twieled, ħalli jqimuh (ara Mt. 1, 1-2); li *"meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh, fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu b'rigali deheb, inċens u mirra"* (Mt. 1, 11).

Fir-rokna tan-naħa t'isfel fuq il-lemin jidher San Ġużepp ħosbien. Jingħad li qiegħed jaħseb fuq il-misteru tal-inkarnazzjoni, u kif Alla jagħżel li jsir bniedem minn xebba. Ġużeppi jidher mifrud mill-koppja tal-omm u l-iben. Dan skont l-ikonografija jfisser li hu ma kellux x'jaqsam fil-konċepiment tat-tifel, u biex juri wkoll aktar l-integrità ta' Marija. Ma' Ġużeppi jidher raġel xiħ bi lbies aħdar maħmuġ. Dan ix-xiħ jingħad li huwa s-simbolu tal-ħażen, b'mod partikolari tat-tentatur, li qed jipprova jdaħħal lil Ġużeppi f'dubju. Imma Alla huwa dejjem mal-ġust. Tant hu hekk li wara li deherlu l-anġlu fil-ħolm biex jgħarrfu li dak li tnissel f'Marija ġej bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, *"Ġużeppi għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej u ħa lil martu għandu"* (Mt. 1, 20-24).

Fil-parti t'isfel in-naħa l-oħra jidhru żewġ nisa ħdejn banju qegħdin jaħslu lit-tarbija Ġesù. Il-banju għandu tifsiriet spiritwali u sagramentali. Dan ifakkar fil-fonti tal-magħmudija, li fiha aħna lkoll ħadna ħasil ġdid mill-ilma u mill-Ispirtu s-Santu. Dan il-ħasil ifakkarna lilna wkoll li aħna għandna sehem fil-ħajja l-ġdida ma' Kristu. Hemm min jara fil-forma tal-banju l-forma ta' kalċi ewkaristiku, li minnu jixxerred għalina u għall-bnedmin kollha d-demm għall-maħfra tad-dnubiet. Dawn is-sagramenti huma għalina lkoll l-għejun ta' barka, grazzja, purifikazzjoni u salvazzjoni.

Jekk nidħlu aktar fil-fond fir-riflessjoni tagħna quddiem l-ikona nintebħu bir-rabta li hemm bejn il-misteru tal-inkarnazzjoni u dak tal-fidwa. Il-faxex li bihom hija mfisqija t-tarbija jfakkruna fil-faxex li bihom keffnu l-ġisem mejjet ta' Ġesù. Dawn il-faxex huma wkoll sinjal tal-qawmien tiegħu, kif naqraw li Pietru u Ġwanni *"daħlu fil-qabar u raw il-faxex imma l-ġisem ta' Ġesù ma kienx hemm" (Ġw. 20, 6).*

*O Alla li tista' kollox, aħna mtlejna bid-dawl ġdid tal-Verb tiegħek magħmul bniedem. Agħmel, għalhekk, li d-dawl tal-fidi, li qiegħed jiddi f'ruħna, ikun jidher ukoll fl-għemil tagħna. Ammen.*

# L-ESPERJENZA F'ASSISI

ESPERJENZA

MICHELLE CAMILLERI, KIMBERLY MUSCAT U DANIELA VELLA
(MEMBRI TAL-GRUPP EACT)



Il-Grupp flimkien f'La Verna

Ma tistax tesperjenza lil San Franġisk u Santa Klara jekk ma żżurx Assisi, il-belt li ma tmut qatt. Il-belt fejn Franġisku u Klara jsiru realtà. Il-belt fejn l-istorja tmissha b'idejk. Il-belt fejn l-istejjer tat-tfulija jieħdu xeħta spiritwalment matura. Ma kinitx faċli li din il-ħolma ssir realtà. Għalkemm qegħdin numru kbir fil-grupp, xorta ma kienx possibbli li kulħadd jattendi, minħabba li l-post li qed ngħixu fih ma jistax jospita numru kbir ta' nies. Konna ngħixu mal-patrijiet Kapuċċini fil-komunità ta' Spello, ftit minuti biss 'il bogħod minn Assisi, post mimli serenità u patrijiet mimlijin entużjażmu lejn kull persuna li tiġi f'kuntatt magħhom.

Qabel l-esperjenza tagħna f'Assisi, it-tnax-il żagħżugħ u żagħżugħa kellna laqgħat ta' formazzjoni u attivitajiet interessanti biex insiru nafu aktar lil xulxin u ninbnew bħala komunità flimkien. L-esperjenza tagħna f'Assisi kienet esperjenza li żgur se tibqa' minquxa fil-qalb tagħna. Kien hemm ħafna postijiet fejn imxejna u esperjenzajniehom flimkien. Iżda waħda mill-isbaħ esperjenzi li żgur emozzjonatna ħafna kienet meta animajna quddiesa bil-Malti fuq il-qabar ta' San Franġisk. Il-qabar mhuwiex espost waħdu, imma għandu wkoll lil ħutu l-patrijiet midfunin madwaru. Hemmhekk irrealizzajna kemm hi importanti l-fraternità u l-imħabba



Basilika San Franġisk

tal-Aħwa: karatteristika importanti fil-mixja Franġiskana li aħna ż-żgħażagħ imsejħin għaliha. Quddiem il-qabar hemm figura oħra importanti fil-ħajja ta' Franġisku: Frate Jacoba, mara li kienet ta' ispirazzjoni kbira għal Franġisku. Fil-mawra tagħna ltqajna wkoll ma' patrijiet Franġiskani Minuri Maltin li bħalissa qegħdin jagħmlu l-esperjenza tagħhom tan-novizzjat, li tawna informazzjoni utli dwar il-bażilika ta' San Franġisk.



Il-kunvent ta' Spello

Esperjenza oħra interessanti kienet il-mawra fil-bażilika ta' Santa Klara. Hawnhekk, apparti li stajna mmissu b'idejna fejn kienet midfuna din il-figura umli, rajna wkoll l-istess salib li nebbaħ lil Franġisku fil-missjoni tiegħu. Il-bażilika ta' Santa Klara hija post verament sempliċi b'ħafna informazzjoni dwar din il-persuna importanti. Il-mument ta' talb quddiem is-salib ta' San Damjan kien għalina ta' opportunità biex nifhmu aspett ieħor importanti fil-ħajja Franġiskana, apparti l-fraternità. Dan l-aspett huwa dak tat-talb li l-Franġiskan veru għandu jifforma ħajtu fuqu.

Post ieħor Importanti li żorna matul din l-esperjenza kien il-Porziuncola, kappella ċkejkna u umli li Franġisku kien iħobb ħafna. Hemmhekk stajna nesperjenzaw paċi kbira u mmissu b'idejna post fejn Franġisku kien iħobb imur jitlob ma' Ħutu. Hawnhekk fil-Porziuncola kellna opportunità nesperjenzaw element ieħor importanti fil-ħajja Franġiskana: dak tal-faqar. Ma kinux id-damask, il-ġojjelli u l-pitturi kbar li saħħru lil Franġisku, imma kappella żgħira u umli. Il-faqar ukoll stajna nesperjenzawh f'La Verna, fejn Franġisku esperjenza s-sofferenza tal-pjagi. Barra l-mard kollu li kellu fuqu, Franġisku aċċetta b'umiltà kbira din is-sofferenza fl-aħħar sentejn ta' ħajtu. Għamilna ġurnata f'dak il-post seren u sieket. Minkejja l-ħafna pellegrini, wieħed żgur ma jistax ma jinnotax is-silenzju sabiħ li kien preżenti. Ħafna drabi, meta l-vuċi tagħna kienet teskala xi ftit, bħal kull Malti ieħor, mill-ewwel kienu jfakkruna fis-silenzju. Illum il-ġurnata ngħożżuha bħala ċajta żgħira ta' bejnietna, li tfakkarna f'dawk il-mumenti. Hemm stajna mmissu b'idejna l-postijiet fejn kienu jgħixu Franġisku u Ħutu. L-element tan-natura kien jiddomina dik ix-xena siekta u ma jistax ma jfakkrekx fit-tjieba tal-Ħallieq lejn il-bniedem.

Mill-ħafna esperjenzi li għaddejna minnhom matul il-mawra tagħna f'Assisi, żgur se ngħożżu dawn it-tliet elementi: il-fraternità ta' bejnietna, it-talb li bih ingħaqadna aktar m'Alla u l-faqar bħala dak l-element li jwassalna aktar viċin Alla u l-proxxmu tagħna. Minkejja li l-esperjenza tagħna miktuba hawn, il-kitba hija fqira wisq biex niddeskrivu kull emozzjoni li ħassejna. Aħna nistiednu lil kulħadd biex jagħmel din l-esperjenza u jsir jaf lil Franġisku u lil Klara b'mod aktar personali.



Santa Klara

# IL-KNISJA KOLLEĠĠJATA U PARROKKJALI TA' SAN PAWL NAWFRAGU

It-tnax-il parti



IL-BELT VALLETTA – ĠAWHRA UNIKA
JOSEPH C. CAMILLERI
BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)



Hekk kif bdiet tinbena l-Belt Valletta fuq l-Għolja Xiberras bdew telgħin il-bereġ, il-kunventi u l-knejjes tagħhom kif ukoll djar privati. Il-Kapitlu tal-Katidral xtara biċċa art biex fuqha tinbena knisja ddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Din il-knisja kienet tinsab fl-inħawi fejn illum hemm il-knisja tal-Ġiżwiti. L-Isqof Gargallo ta din il-knisja lill-patrijiet Ġiżwiti biex magħha jibnu l-kulleġġ tagħhom. Fl-istess żmien il-patrijiet Ġiżwiti taw lill-kappillan ta' San Pawl art biex jibni knisja ġdida.

Fl-1609 bdiet tinbena l-knisja l-ġdida. Bilkemm laħqet tlestiet li ma indunawx li ma kinitx soda biżżejjed u kellha tinħatt. Minflokha bdiet tielgħa knisja oħra, dik li naraw illum. Id-disinn tagħha sar minn Bartolomeo Garagora. Maż-żmien saru l-kappelluni u s-saqaf il-ġdid, fuq disinn ta' Francesco Sammut. Il-kor sar ġdid fuq disinn ta' Lorenzo Gafà. Il-faċċata saret mill-ġdid, fuq disinn tal-Prof. Dr Nikola Zammit. Maż-żmien il-knisja kibret biż-zieda tal-kappelli. L-istil tagħha kien dak Joniku f'forma ta' salib Latin. Iżda meta żiedu l-kappelli l-kbar fuq kull naħa, il-knisja saret f'forma ta' salib patrijarkali. Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Mons. Fra Alferan de Bussan.



## Teżori

Il-knisja hija mżejna b'ħafna teżori. Is-saqaf u l-apside kellhom pittura ta' Antonio Falzon, li mexa fuq id-disinji ta' Giuseppe Hyzler. Wara saru l-affreski ta' Attilio Palombi. Fit-tliet xeni fl-apsidejiet naraw il-konverżjoni ta' San Pawl, id-dehra ta' San Pawl lill-Profeta Ananija u n-nawfraġju. Il-koppla fiha erba' kwadri li juru xeni mill-ħajja ta' San Pawl. Il-kwadru titulari hu ta' Matteo Perez d'Aleccio. Dan kien il-kwadru ewlieni tal-ewwel knisja ddedikata lil San Pawl Nawfragu. Il-kwadri tal-kor huma xogħol Giuseppe Velasquez, u juru lil San Pawl qed ifejjaq lil missier Publiju u San Pawl ifejjaq il-morda Maltin.

Il-knisja għandha żewġ relikwi ewlenin – il-kolonna ta' qtugħ ir-ras ta' San Pawl (rigal mill-Papa Piju VI fl-1817) u d-driegħ ta' San Pawl. It-tieni relikwa tiġi esposta għall-venerazzjoni tal-poplu u tinġarr waqt il-purċissjoni tal-festa titulari ta' San Pawl.

## L-importanza tal-knisja

Meta l-isqof kien ikun il-belt, kien juża din il-knisja biex imexxi l-funzjonijiet sagri. Sal-lum din id-drawwa baqgħet issir, u għalhekk insibu s-sedja tiegħu fil-kor kif ukoll it-tron episkopali. Fl-1733 il-knisja ġiet elevata għal kolleġġjata insinji, u minħabba xi problemi li nqalgħu, l-ewwel pussess tal-kanonċi kellu jsir erba' snin wara. Ta' min jgħid li f'din il-knisja tinsab midfuna l-qalb tal-Gran Mastru De Rohan.

## Biex iżżur din il-knisja:

Il-ħinijiet: mis-6.30 a.m. san-12.30 p.m. u mit-3.00 p.m. sas-6.30 p.m. (bejn it-Tnejn u s-Sibt); mis-7.00 a.m. sa nofsinhar u mill-4.00 p.m. sas-6.00 p.m. (il-Ħadd).






KULTURA U AMBJENT
GORDON CILIA

# IL-KNISJA TAL-VITORJA

## (IL-BELT VALLETTA) MINN BARRA

Il-knisja tal-Vitorja hija knisja fundamentali għall-istorja ta' Malta. Din il-knisja hija l-ewwel binja tal-Belt Valletta u konsegwentement l-ewwel knisja ta' din il-belt. Il-Gran Mastru Jean Parisot de Valette ddedikaha lill-Verġni Mbierka wara li rnexxielu jirbaħ l-Assedju l-Kbir kontra t-Torok lejlet it-8 ta' Settembru 1565. Din id-data hija wkoll il-festa tal-Vitorja. Wara li miet, fis-sena 1568, dan il-Gran Mastru ndifen fil-kripta li tinsab taħt il-knisja. Fis-sena 1617 il-Kavallieri ta' San Ġwann komplew isaħħu l-valur ta' din il-knisja billi għamluha l-parroċċa tagħhom. Sussegwentement il-Gran Mastru Perellos (li ħakem mis-sena 1697 sas-sena 1720 ) qabbad lil Alessandro Erardi sabiex jagħmel tpinġijiet fuq it-troll u l-arzella. Dawn ix-xogħlijiet ġew ikkonservati.

Il-faċċata tal-Barokk flimkien mal-bust tal-Papa Innoċenz XII ġew miżjuda fis-sena 1752 mill-Gran Mastru Pinto (li serva mis-sena 1741 sas-sena 1773). Barra minn hekk fl-istess sena tkabbru l-faċċata, is-sagristija, il-kunvent u l-kampnar ta' din il-knisja. Dan il-bust ġie rrestawrat ħafna snin wara mill-fondazzjoni Din l-Art Ħelwa.

Oriġinarjament din il-knisja kellha żewġ artali, wieħed iddedikat lil San Ġwann il-Battista u ieħor iddedikat lil San Pawl, li nbnew fl-aħħar parti tas-seklu tmintax.

Fis-sena 2001 il-fondazzjoni Din l-Art Ħelwa u d-direttorat tar-restawr irrestawraw din il-knisja. Dan il-proġett ta' restawr kien fih żewġ fażijiet. Fl-ewwel fażi ġiet irrestawrata d-dar tal-kappillan u fit-tieni fażi ġew irrestawrati l-bjut tal-knisja (fejn kien hemm ammont ta' ħsara). Fl-istess żmien kien qed isir ukoll restawr fuq il-pittura tas-saqaf tal-knisja. Saret sistema ta' canopy fis-saqaf sakemm isir iktar studju. Is-saqaf kellu s-silverin, minn fejn beda dieħel l-ilma tax-xita, u b'hekk setgħet issir iktar ħsara lill-pittura tas-saqaf. Twettqet ukoll sistema ta' ventilazzjoni mat-tapit tas-silverin (saret qasma biex b'hekk kull tip ta' fwar u ilma seta' joħroġ minn ġol-ventilazzjoni).

# NIXTIEQ NAGĦMEL SAĊERDOT



## X'GĦANDI NAGĦMEL?

Din hija mistoqsija li ta' spiss issir lilna. Diversi persuni jkollhom fihom din ix-xewqa qaddisa u nobbli li, kif jgħidu huma, "nagħmlu saċerdot".

Fil-fatt il-frażi mhix eżatta. Huwa Alla li b'sejħa speċjali jsejjaħ żagħżugħ u jagħmlu saċerdot. Aħna min-naħa tagħna nkunu qed nikkoperaw ma' Alla f'din is-sejħa billi b'ġenerożità nagħtu d-daqqa t'id tagħna.

F'kull vokazzjoni huwa Alla li jieħu l-inizjattiva. Aħna min-naħa tagħna ngħidu "iva". U sabiex din l-iva ssir realtà, insibu diversi għajnuniet. Dan jgħodd għal kull vokazzjoni, anke dik taż-żwieġ.

META NITKELLMU DWAR IL-VOKAZZJONI SAĊERDOTALI, DAN JGĦODD AKTAR U AKTAR.

U PROPJU HAWNHEKK TIDĦOL L-GĦAJNUNA LI PERSUNA TISTA' TAGĦTI.

Sabiex l-inizjattiva ta' Alla meta jsejjaħ żagħżugħ għas-saċerdozju u l-iva min-naħa taż-żagħżugħ jiġu realizzati, hemm bżonn l-għajnuna ta' diversi persuni, bħalma huma:

- il-familja u l-parroċċa li fihom iż-żagħżugħ jitrabba,
- l-għalliema taż-żagħżugħ,
- il-ħbieb tajba li jkollu,
- id-direttur spiritwali
- u ħafna oħrajn li jgħinuh jikber fil-ħajja Nisranija, jgħinuh jgħid iva lil Alla u jgħinuh fil-proċess tal-formazzjoni sakemm jilħaq saċerdot.

Imma hemm każijiet u ċirkustanzi, speċjalment fl-artijiet tal-missjoni, fejn minbarra din l-għajnuna fuq livell ta' edukazzjoni u formazzjoni taż-żagħżugħ għas-saċerdozju jkun hemm bżonn ukoll **għajnuna ekonomika**. U propju hawn qiegħda t-tweġiba għall-mistoqsija **"NIXTIEQ NAGĦMEL SAĊERDOT; X'GĦANDI NAGĦMEL?"**

X'għandi nagħmel?

- Din l-għajnuna għandha isem: **borża ta' studju**
- Tikkonsisti f'għotja ta' €600
- Għal din l għotja, aktar minn irċevuta, inti tirċievi diploma li turi li inti adottajt żagħżugħ bil-għan li tgħinu sabiex ikun jista' jsir saċerdot





Tibgħat ċekk ta' €600 indirizzat lill-
**UFFIĊĊJU MISSJONI KAPUĊĊINI.**
Fuq l-envelop ikteb l-indirizz:
**Il-Kunvent tal-Kapuċċini**
**Il-Furjana FRN 1211**

Importanti li maċ-ċekk, fuq karta separata, tikteb l-intenzjoni għall-għotja tiegħek, flimkien mal-isem, il-kunjom u l-indirizz sħiħ tiegħek.

- Tista' wkoll tasal wasla personalment sal-Uffiċċju tal-Missjoni, biswit il-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana (*ftit passi 'l bogħod mill-klinika tal-gvern tal-Furjana*) mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9.00 u l-11.30 ta' filgħodu.
- Jekk minħabba xi raġuni ta' saħħa jew età ma tistax tiġi inti jew tibgħat ċekk, ċemplilna fuq in-numri tal-telefon 21225521/21234949 jew tal-mowbajl: 79335692 u staqsi għal Fr Philip Cutajar biex titkellem miegħu. F'każ bħal dan niġu aħna d-dar tiegħek.
- Tista' wkoll takkwista aktar tagħrif dwar dan billi ċċempel lil Fr Philip Cutajar fuq in-numri tat-telefon 21225525/21234949 jew tal-mowbajl 79335692,
- Jew lil Mr Dorian Holland fuq in-numru tat-telefon 2122 3730 jew tal-mowbajl 7722 3730.

- Dan l-ammont ta' €600 jista' jingħata f'daqqa jew f'ammont kull xahar, kif tista' u meta tista'. Din l-opra ta' karità tista' ssir mhux biss minn persuna waħda imma wkoll minn koppja miżżewġa flimkien, f'isem familja sħiħa, minn grupp ta' persuni eċċ. Tista' ssir issa f'ħajtek jew tħalliha miktuba fit-testment tiegħek biex issir wara mewtek. *(Jekk tagħżel din l-aħħar alternattiva, fit-testment ħu ħsieb li n-nutar jikteb b'mod ċar u eżatt li qed tħalli din is-somma ta' €600 bil-għan li jsir* ***saċerdot fil-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja****.)*
- Għall-ġid tiegħek li tkun qed tagħti din il-borża ta' studju u anke taż-żagħżugħ li lilu qed tingħata, ma jingħatax lilek l-isem taż-żagħżugħ.
- Dan nagħmluh bil-għan li nevitaw kull abbuż li jista' jsir, speċjalment min-naħa taż-żagħżugħ jekk dan ma jkomplix (*ikompli jitolbok il-flus*),
- u anke jekk iqaddes (*jista' jkompli jabbuża billi jesiġi aktar flus mingħandek, daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra*).
- Dan nagħmluh ukoll bil-għan li fis-seminarju ma tinħoloqx distinzjoni bejn min għandu għajnuna u min le, distinzjoni li tista' tagħmel ħafna ħsara fost l-istess seminaristi.
- Dan qed nagħmluh frott l-esperjenza.

- Kif tistgħu tindunaw, €600 mhumiex ammont biżżejjed biex tgħin żagħżugħ matul kors ta' seba' snin studju f'università biex jitgħallem il-filosofija u t-teoloġija, bl-ikel, l-ilbies, it-trasport eċċ. Imma l-ammont tal-għotja tiegħek huwa ta' għajnuna konsiderevoli u ferm apprezzata. Meta l-ammont tiegħek jiġi miżjud ma' għotjiet li ħafna persuni oħra bħalek jagħmlu, iva, naslu biex inkopru l-ispejjeż enormi li dan il-proċess jitlob.
- Jekk tiddeċiedi li tagħmel din l-opra qaddisa, li trid tagħmel huwa:

### Vantaġġi

- Għal din l-opra qaddisa li qed twettaq ftakar li inti tkun qed tagħti lill-Knisja saċerdot li min jaf kemm, bis-saħħa tal-għajnuna tiegħek, ser jagħmel ġid kemm f'pajjiżu (*fil-każ tagħna fil-Kenja*) u anke barra minn pajjiżu, jekk dan jintbagħat jaħdem f'pajjiż ieħor.
- Ibqa' ċert/a li dan is-saċerdot ser jibqa' jiftakar fik issa f'ħajtek u wara mewtek f'kull quddiesa li jqaddes, bħala l-akbar benefattur/benefattriċi tiegħu wara l-ġenituri tiegħu.
- Inti ser ikollok sehem mill-merti ta' kull ħidma qaddisa li dan is-saċerdot adottat minnek ser iwettaq matul is-snin tas-saċerdozju tiegħu.
- Tista' tgħid li fil-familja tiegħek spiritwalment għandek saċerdot. Jekk inti omm jew missier jew koppja miżżewġa, tista' tgħid li għandek/għandkom spiritwalment iben saċerdot.
- Huwa l-akbar investiment li tista' tagħmel għal ruħek.

# STEJJER QOSRA B'TAGĦLIMA



KATEKEŻI
EMILY BARBARO SANT

Waqt li kont qed nagħmel ftit riċerka fuq il-psikoloġija, staqsejt lin-nanna biex fi kliemha tfissirli l-kelma 'suċċess'. In-nanna weġbitni hekk: "Is-suċċess huwa meta tħares lura lejn dak li tkun għamilt f'ħajtek u l-memorji jġegħluk titbissem."

Staqsejt lill-imgħallem tiegħi – raġel ta' 70 sena li f'ħajtu kellu suċċess fin-negozju – x'inhuma l-aktar tliet pariri biex wieħed jagħmel suċċess. Tbissem u weġibni: "Aqra xi ħaġa li ħadd aktar ma jkun qed jaqra, aħseb xi ħaġa li ħadd aktar ma jkun qed jaħseb, u agħmel xi ħaġa li ħadd aktar ma jkun qed jagħmel."

Illum, wara 72 siegħa xogħol fl-istazzjon tat-tifi tan-nar, waħda mara ġiet tiġri għal fuqi fil-ħanut tal-merċa fejn kont mort nixtri u għannqitni. Dak il-ħin ħasditni u bħal ibbist. Il-mara rrealizzat li ma kontx għaraftha. Bid-dmugħ ta' ferħ iċarċar ma' ħaddejha u bi tbissima sinċiera qaltli: "Fil-11 ta' Settembru tas-sena 2001 inti ħriġtni mill-World Trade Centre!"

Illum, wara li rajt il-kelb tiegħi jiġi mtajjar minn karozza, intfajt bilqiegħda fil-ġenb tat-triq, ngħannqu u nibki. Qabel miet il-kelb beda jilgħaqli d-dmugħ li kien nieżel ma' ħaddejja.

Dalgħodu fis-7:00 a.m. qomt u ħassejtni ma niflaħx, iżda kelli bżonn il-flus u ma stajtx ma mmurx għax-xogħol. Fit-3:00 p.m. bagħtuni d-dar. Fi triqti lura lejn id-dar ħadt puncture. Ftaħt wara tal-karozza u rrealizzajt li anke t-tajer li kelli spare kien mingħajr arja. Wieħed raġel b'karozza BMW waqaf ħdejja u offrieli li jwassalni d-dar. Qgħadna nitkellmu u offrieli xogħol. Nibda għada.

Illum, waqt li missieri, tliet ħuti subien u żewġ ħuti bniet konna l-isptar madwar is-sodda ta' ommi moribonda, bi kliem bilkemm jinftiehem qalet: "Kemm qed inħossni maħbuba bħalissa! Imissna għamilna hekk aktar spiss."

Illum bist lil missieri fuq moħħu waqt li kien qiegħed imut f'sodda l-isptar. Wara ħames minuti li miet irrealizzajt li kienet l-ewwel darba li bist lil missieri minn mindu kont ċkejken.

Binti ta' 8 snin talbitni biex nibda nirkeb il-bicycle. Tbissimt u staqsejtha x'kienet ir-raġuni. Qaltli: "Biex minn issa tibda ssalva l-pjaneta." Staqsejtha għaliex tridni nsalva l-pjaneta u weġbitni: "Għaliex hemm inżomm dak kollu li hu tiegħi."

Rajt pazjenta b'kanċer tas-sider tidħaq kemm tiflaħ bil-praspar li kienet qed tagħmel bintha ta' sentejn. Irrealizzajt li għandi nieqaf ingerger u nibda ngħix ħajti b'mod aktar pożittiv.



Tifel ta' għaxar snin li kien fuq siġġu tar-roti rani nimxi bi tbatija kbira bil-krozzi għax ksirt sieqi. Offra li jġorrli l-basket bil-kotba t-triq kollha. Qabel telaq qalli: "Nispera li tkun tajba malajr."

Kont qed inħossni mdejqa għax ir-riżultati mediċi li kont qed nistenna wrew li kelli l-problemi. Kif wasalt id-dar xgħelt il-kompjuter u ftaħt email li kienet ġejja mingħand tfajla li kienet l-iskola miegħi u li kont ili ma naraha 10 snin.

Kont qed nivvjaġġa lejn il-Kenja u ltqajt ma' refuġjat miż-Żimbabwe. Qalli li kien ilu ma jiekol tlett ijiem. Kien jidher magħlub u nieqes mis-saħħa. Il-ħabib tiegħi offrielu l-kumplament ta' sandwich li kien għadu ma kielx. L-ewwel ħaġa li qal ir-raġel kienet: "Nistgħu naqsmuha."

U din ġrat lili tassew nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2016. Ridt inwassal pakkett urġenti l-Isla u billi t-tifla kienet bil-leave ddeċidejna li mmorru s'hemm bil-karozza, u stedinna ħabib tagħna biex jiġi magħna. F'nofs triq il-karozza saħnet u t-tifla ddeċidiet li tidħol fid-daħla ta' quddiem il-knisja ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli. Kien hemm trakk qed ibigħ il-ħaxix u l-frott u ħafna karozzi pparkjati, billi viċin kien hemm skola. It-tifla fetħet il-bonnet tal-karozza u mingħand tal-ħaxix marret xtrat tliet fliexken tal-ilma żgħar biex xħin tibred il-karozza tagħtiha l-ilma. Meta fetħet it-tapp sabet li l-karozza ma kinitx nieqsa mill-ilma, u rrealizzat li kien hemm il-ħsara.

Ċemplet lil tat-towing, u kif kienet se ssejjaħ taxi biex twassal lili u lill-habib tagħna d-dar lura l-Mosta, ġiet mara li staqsiet lit-tifla jekk kellhiex bżonn l-għajnuna. It-tifla qaltilha x'ġara u x'kienet se tagħmel. Offritilha li jekk irridu nistennewha ħames minuti sakemm tmur tħalli xi ħaġa l-iskola tat-tifel u twassalna l-Mosta, billi hi kienet sejra n-Naxxar. Aċċettajna bil-qalb. U hekk ġara! Meta waqqfitna ħdejn il-knisja tal-Mosta awgurajtilha li l-Mulej iħares lilha u lill-familja tagħha. Tassew rajnieha anġlu!

Tat-towing ġie u wassal lit-tifla ħdejn il-mekkanik il-Mosta. Aktar tard morna nkellmuh u wriena x'kienet il-ħsara tal-karozza, u li ridna nibdlu l-fann tar-radiator għax tqaċċat. Billi deherli li l-parti li kellna bżonn kienet xi ħaġa li tinġarr ġo basket, offrejt lit-tifla li l-għada mmur bil-karozza tal-linja u nixtri l-part. Iżda l-għada, meta sibt ruħi għand il-kumpanija li tbigħ il-parts u tlabt x'ridt, urleni kaxxa kbira li ma kienx possibbli għalija li nġorr. Għax, skont kif qalli, fit-tip ta' karozza li għandna aħna l-part li tqaċċtet kienet tagħmel parti minn oħra akbar.

Wieħed mid-diretturi tal-kumpanija induna li tħawwadt xi ftit, u kif kont se nħallsu u ngħidlu li nibgħat lil xi ħadd mit-tfal għall-kaxxa, qalli: "Tikkonfondi xejn." Sejjaħ wieħed mill-impjegati tiegħu u staqsieh fejn kien se jagħmel id-deliveries tal-ġurnata, u semmielu xi tliet postijiet. "Tajjeb," qallu, "mela għabbi u wassal lis-Sinjura fejn trid bil-kaxxa li għandha!" Tassew rajtu anġlu!

Sa filgħaxija l-karozza kienet lura għandna msewwija. Anke l-mekkanik rajnieh anġlu, għax biex lestihielna dam jaħdem aktar mill-ħin normali tiegħu.

Tassew li l-karozza ġietna spiża li ma konniex qed nistennew, iżda l-Mulej ma setax ikun aktar ħanin magħna, li pprovdielna tlieta min-nies 'anġli' li taffewlna l-inkonvenjenzi li għaddejna minnhom.





# INTI BĦALEK M'HAWNX!

NOVELLA
FR RICHARD BONNICI OFMCAP

"Bħalek żgur ma nsibx fid-dinja, tafx! Qiegħda tifhem, jew?" għodwa waħda fetaħ ħanġra Arkanġlu, il-ħaddied, issa pensjonant.

"Tarax, ħej, l-artist! Għax tgħid, għandek raġun," qablet miegħu martu.

"U jien mhux dejjem is-sewwa ngħid?" reġa' żewġha. "Ma nigdibx."

"Ara kemm hu hekk," kompliet Marjanna, "ma jonqsok xejn, issib kollox lest: ikel, xiri, ħwejjeġ nodfa..."

"U iżjed, sabiħa tiegħi!" qatgħalha kliemha, waqt li tbissem.

"Ħafna; wisq aktar!" wieġbet lura.

Kien raġel li ma' kull min jitħaddet kien ifittex ir-raġuni ta' kollox; l-avukati ma kinux jidħlu daqsu fl-irqaqat! Meta kien ikun fil-ħanut bħala ħaddied mhux darba jew tnejn sab min japprofitta ruħu mill-qalb tajba tiegħu. Martu kellha tkun ħalli sseffaq wiċċha man-nies ta' dik ix-xorta; b'hekk kienu jistħu u jħallsu tal-ħidma li hu kien ikun wettaq għalihom. Għax kif huwa xieraq, il-ħaddiem ħaqqu ħlasu!



Aktarx li hu minnu li fi żmien dil-koppja modesta, il-familji kienu aktarx numerużi, foqra u l-mard kien imxerred mhux ħażin. Imma bħal minn ewl id-dinja, f'din wieħed isib min iridha ta' onest meta ma jkunx, u b'hekk imur tajjeb minn fuq dahar ħaddieħor.

Arkanġlu, f'xi waqt tal-jum, waħdu f'daru, spiss kien isemmi 'l ommu Tonina. Erħilu jiċċassa lejn xi ħajt u jindirizzaha bħallikieku kienet ħajja, għalkemm kienet ilha snin taħt it-trab! "Ukoll," kien iħobb itenni ma' martu, "bħal ommi l-għażiża ftit issib; la kien hawn u lanqas ikun hawn. F'kelma waħda bħalha m'hawnx!"

"U missierek Kurradu le, allura?" staqsiet fil-pront.

"Ma nafx. Kien raġel tal-affari tiegħu, tafx..."

"Mela xi trid tgħid, Arkanġlu?" qabżet Marjanna.

"Hu x'inhu, ommi fost l-ewwel nies għalija; bħalha m'hawnx."

"Trid tfehemni li ommok bħali..."

"Stenna, stenna, Mar. Inti tiġi l-ewwel. Skont il-kappillan min hu miżżewweġ jeħtieġ li jħobb lir-raġel, lil martu, qabel il-ġenituri," fisser b'serjetà l-ħaddied.

"Għalhekk inħobbok jien, Arkanġ, u tifhimni wisq int!" U faqqgħet daħqa kemxejn twila.

"Imma issa mur ġibha lura!" reġa' kompla t-taħdita.

"Għidli ħaġa, mhux kulħadd irid imut, jewwilla? Inti wkoll... u jien," fakkritu martu.

"Marjanna, jien ma nafx x'jista' jsir minni, jekk tmur qabli. Liema raġel se jkollu mara bħalek fid-dinja kollha?"

"Tgħaġġibhiex! Tarax! Hawn romol bil-gzuz li reġgħu żżewġu. Ma tkunx l-ewwel u lanqas l-aħħar wieħed, Arkanġ ta' qalbi! Kif jingħad, 'Xemx u xita Alla jaf meta.'"

It-tifla l-kbira tagħhom issa drat li kull tletin jum iżżur lill-ġenituri tagħha; magħha t-tfal, Pawlu u Yvonne. Missierhom ilu nieqes mill-ħajja erba' snin. Ommhom taħdem għalihom, ukoll barra mid-dar. Ħuha Marju xi sena ilu tgħarras. Hi dehrilha li aktar minn qabel jeħtieġ li tibqa' taqla' ċenteżmu ghal uliedha u ghaliha. Anna, oħtha ż-żgħira, baqgħet bla tfal, tistaqsi x'jeħtieġ isir biex tadotta tarbija.

"Ara min hawn dal-ħin, illejla!" għolla leħnu Arkanġlu, hekk kif lemaħ ħdejh lil bintu u lil uliedha. "Kif aħna, sbieħ tiegħi? Marjanna! Mar!"

Martu ġiet tħaffef mill-bitħa, imlewna minn pjanti varjati li saqqiethom qabel jidlam.

"Xi nqala', Arkanġ?" staqsiet, waqt li sabet ma' wiċċha lil Gerita bit-tfal magħha. "Ħsibt li ġralek xi ħaġa!" reġgħet il-mara. Poġġiet bilqiegħda għal waqt wieħed, tistrieħ mill-jum li kien għoddu għadda. "X'għandna mill-ġdid, bint? Madankollu, intom kiltu llejla?" xtaqet tkun taf in-nanna.

"Kellna l-minestra, imsajra kif kont għallimtni. Ma ħallejna xejn minnha!" wieġbet it-tifla omm.

"X'minnkom, ħelwin tagħna?" resqet lejn it-tfal bi tbissima, għalkemm għajjiena.

Arkanġlu qabad joħloq xi ċajta, bħal dejjem. Ried jara t-tfal ferħana. Kien iħossu fis-seba' sema kull darba li jżuruh in-neputijiet ma' ommhom. Ħallih jintilef, isir donnu tifel ċkejken ħdejhom. Kien jemmen f'dak li qal Kristu lill-appostli: 'Ħalluhom it-tfal jiġu għandi għax tagħhom u ta' min hu bħalhom hija s-saltna tas-smewwiet.'

"Missierek illum fettillu jfaħħarni, Gerita. Qalli, 'Bħalek m'hawnx!' Ma jafx x'ser ikun minnu jekk immut qablu! Jien weġibtu li hawn ħafna nisa oħra fid-dinja. X'kull waħda, għandek tgħid, hux, binti!"

"Allura ma ħadtx pjaċir, ma?"

"U iva!" reġgħet Marjanna.

"Kun af li mhux wieħed jew tnejn issib irġiel li lanqas jafu jgħidu grazzi lil marthom, aħseb u ara kemm jidħol f'rashom li jagħmlu l-kumplimenti!" kompliet Gerita.

"Jien taf x'ngħid? Hu minnu dan, iżda l-aqwa ħaġa li tkun tħobb tassew fiż-żwieġ! U ħares... mhux bil-kliem biss; bil-fatti, binti!"

"Imma missieri dejjem kien sinċier miegħek u magħna. Ħabbek, u kuljum, le?" saħqet it-tifla.

"Minn daqshekk ma nilmentax. Kieku jista', jagħmilli l-anġli jiżfnu."

"Issa mhux aħjar tagħtihom x'jixorbu, Marjanna, jewwilla?" fakkarha Arkanġlu.

In-nanna għasret ftit laring frisk għat-tfal; għal Gerita ħejjiet it-te bil-ħalib tal-baqra. Tathom ukoll xi qagħaq tal-ġulġlien, kif kienet tħobb taħbeż, fil-kċina fqira li kellha.



Gerita bdiet tfakkar lil missierha fi żmien it-tfulija ta' ħutha u tagħha. "Tiftakar, missier, kont tehodna mieghek ghall-quddiesa tas-sitta ta' filgħodu? Nhar ta' Ħadd, lura mill-knisja, konna nieqfu biex tixtrilna l-pastizzi tal-irkotta u l-piżelli. Sakemm naslu d-dar nilħqu nieklu nofshom! Waranofsinhar arana sejrin flimkien sal-wied. Erħilna nimirħu fih; f'xi waqt nieklu l-ħobż biż-żejt u t-tadam, biż-żebbuġ, li ommi tkun lestiet. Matul il-ġimgħa, filgħodu, tixwi l-ħobż fuq il-*valor*; ġieli kien ikun bil-butir jew mingħajru! Fis-sajf tixtrilna l-bajtar tax-xewk, l-ikla ta' filgħaxija. Kellek ħabta, għax tgħid, tqaxxru fuq il-ħerża tal-bir!"

"Kienu jiem oħra; għaddew, imma sbieħ fit-tifkira, mhux hekk?" qal Arkanġlu, bi ftit dmugħ f'għajnejh, ileqq bl-imħabba.

"Eh, int bħalek m'hawnx, missier!" u għannqitu waħda kif imiss.

"Bħali, ħaddieda, binti? Arkanġli? Kemm trid! M'hawnx bħal ommok!" u ħares bi tnehida lejn Marjanna.

"Gerit, dan kuljum hekk sejjer! Imbagħad dawn l-aħħar xhur..."

"Binti, jien ma ħaristx lejn il-wiċċ ħelu jew l-għerf ta' ommok. Qist il-qalb tajba u l-għaqal tagħha, għax dawn tal-aħħar jibqgħu fil-bniedem; l-oħrajn jiqdiemu. Ma taħsibx bħali, jewwilla?"



"Naqbel ħafna miegħek, missier," wieġbet it-tifla. Ħarset lejn l-arloġġ, "Hawn sar il-ħin sewwa! Aħjar naħsbu biex nidħlu fil-bejta. Immorru, uliedi."

Huma u ħerġin daret lejn missierha u qaltlu, "Għoġbitni din ta' 'Inti bħalek m'hawnx.'"

"U int ukoll, bħalek m'hawnx, binti, jisimha Gerita!" u tbissmu t-tnejn, ma' Marjanna u t-tfal.

Sellmu lil xulxin. "Narawkom ma ndumux, għax bħalkom m'hawnx; ma nsibux fid-dinja kollha!" temmet il-laqgħa Gerita. Kif kienet imdorrija, talbet il-barka tal-ġenituri.

# IS-SITWAZZJONI PREŻENTI FIL-MISSJONI TAL-KENJA

NARAW FLIMKIEN IR-RIŻULTAT POŻITTIV LI JĦALLU L-BOROŻ TA' STUDJU LI INTOM TIBAGĦTU

Il-preżenza tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja wara 44 sena ta' ħidma bla waqfien qed tagħti l-frott bl-abbundanza. Dan qed iseħħ bl-għajnuna tal-boroż ta' studju li intom tibagħtu bil-għan li nkunu nistgħu nżommu u ngħinu lis-seminaristi li jiġu għandna sabiex isiru saċerdoti Kapuċċini.

- ▶ IL-KAPUĊĊINI MALTIN DAĦLU FIL-KENJA FIS-SENA 1974
- ▶ KIENU L-EWWEL FRANĠISKANI LI DAĦLU F'DAN IL-PAJJIŻ
- ▶ TAW BIDU GĦALL-ĦIDMA VOKAZZJONALI 10 SNIN WARA, JIĠIFIERI FIS-SENA 1984
- ▶ WARA 34 SENA TA' ĦIDMA VOKAZZJONALI U BL-APPOĠĠ TAGĦKOM, IL-BENEFATTURI MALTIN U GĦAWDXIN LI TAGĦTU BORŻA TA' STUDJU BIEX ISIR SAĊERDOT, ILLUM GĦANDNA:
  - 11-IL ASPIRANT GĦALL-ĦAJJA SAĊERDOTALI FI ĦDAN L-ORDNI KAPUĊĊIN FIL-KENJA
  - 12-IL POSTULANT
  - 4 NOVIZZI
  - 33 FRANĠISKAN KAPUĊĊIN BI PROFESSJONI TEMPORANJA
  - 6 KAPUĊĊINI BI PROFESSJONI PERPETWA
  - 58 SAĊERDOT KAPUĊĊIN
- ▶ TNEJN MINN DAWN DIĠÀ MARRU BĦALA MISSJUNARJI F'PAPUA NEW GUINEA.
- ▶ TOTAL TA' 124 AĦWA FRANĠISKANI KAPUĊĊINI KENJANI (meta f'Malta l-Kapuċċini llum ilaħħqu 72 Aħwa Kapuċċini Maltin)!

NITĦEĠĠU U NKOMPLU NKUNU ĠENERUŻI... IX-XEWQA TAGĦNA HIJA LI NARAW IN-NUMRU JKOMPLI JIKBER. GĦINUNA BILLI ALMENU DARBA F'ĦAJJITKOM TKUNU TAJTU SAĊERDOT LILL-KNISJA... LID-DINJA... LILL-UMANITÀ, L-AQWA INVESTIMENT LI TISTGĦU TAGĦMLU.

# GĦALIEX KRISTU HU "SULTAN"






LAWRENZ SCIBERRAS, *ĠESÙ KRISTU SULTAN*, GOZO PRESS, MALTA 2017, 168 PAĠNA

RIĊENSJONI

FRANCESCO PIO ATTARD

Is-solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu tagħlaq iċ-ċiklu tas-sena liturġika tal-Knisja. Ħafna drabi din il-festa ma tingħatax l-importanza li jixirqilha bħala l-kuruna tal-mixja liturġika tal-poplu ta' Alla, li tibda fl-ewwel Ħadd tal-Avvent u tagħlaq b'din is-solennità, li b'xi mod tistieden lill-Insara kollha biex isammru ħarsithom fuq dak li hu ċ-ċentru tal-ħajja tagħhom: Ġesù Kristu.

Mons. Lawrenz Sciberras, studjuż Għawdxi tal-Iskrittura li fuq medda ta' erbgħin sena tana mad-disgħa u għoxrin ktieb b'temi bibliċi, din id-darba qabad proprju dan is-suġġett biex jgħin lill-Insara fir-riflessjoni tagħhom fuq **Ġesù Kristu Sultan**. Dan hu l-isem tal-ktieb il-ġdid tiegħu, li għadu kemm ġie mitbugħ għand l-istamperija tal-Knisja f'Għawdex, Gozo Press, u qed joffri lill-poplu ta' Alla għajnuna għar-riflessjoni bi tħejjija għas-solennità ta' Kristu Sultan.

Fl-ewwel kapitli l-awtur ilaqqagħna mal-persuna ta' Ġesù fil-Vanġelu, speċjalment meta jitkellem dwar is-Saltna u dwaru nnifsu bħala Sultan, diġà mħabbar sa mit-Testment il-Qadim, l-aktar mill-profeti. Jispikka b'mod speċjali s-salib bħala t-tron li minnu Kristu jsaltan bl-imħabba u l-ħniena, mnejn hu jifdi lill-bnedmin kollha bit-tixrid ta' demmu. Niftakru li għall-mistoqsija ta' Pilatu, "Inti s-Sultan tal-Lhud?" (Ġw. 18, 33), Ġesù ma jiċħadx, għalkemm nafu wkoll minn kliemu li s-Saltna tiegħu hi differenti minn dik ta' slaten oħra ta' din l-art. Fuq kollox tispikka quddiemna x-xbieha ta' Kristu Mislub bil-kitba fuq rasu: "Ġesù ta' Nazaret, Sultan tal-Lhud".

Imbagħad l-istess vanġelu fid-diskors dwar il-ġudizzju universali, u aktar tard l-Apokalissi, jippreżentawlna l-miġja tal-Mulej bħala mħallef glorjuż fl-aħħar taż-żmien, meta għad jieħu setgħa u ħakma fuq il-ħolqien kollu, u kif nistqarru fil-Kredu, "jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin".

Għalkemm ħafna jaħsbu li meta Ġesù jitkellem dwar is-"Saltna tas-smewwiet" hu qed jirreferi għall-ħajja ta' dejjem, kif l-awtur jispjega b'mod tant profond imma fl-istess ħin li jinftiehem f'dan il-ktieb tiegħu, is-Saltna ta' Ġesù hija issa u hawn, kull fejn id-dixxiplu jilqgħu fil-ħajja tiegħu.

It-tagħlim dwar Kristu Sultan, naqraw f'kapitli oħra tal-ktieb, ikompli jiżviluppa wkoll fl-ittri ta' San Pawl, fil-Missirijiet tal-Knisja u anki fil-kitbiet ta' qaddisin kbar u oħrajn ta' żmienna, bħal San Ġorġ Preca.

Kif jikkummenta l-awtur fid-daħla tal-ktieb tiegħu, matul l-istorja tad-dinja qamu ħafna slaten kbar, imma l-fama tagħhom xi ftit jew wisq intemmet u ndifnet magħhom f'qabarhom. Dan ma kienx il-każ tas-Sultan tagħna, Ġesù, li jibqa' jsaltan fuq il-qlub tal-bnedmin u ċ-ċentru tal-imħabba ta' mijiet ta' eluf ta' dixxipli f'kull żmien: "is-Saltna tiegħu ma tintemm qatt", u l-Knisja hi garanti ta' dan. Ir-riflessjonijiet mirquma ta' Mons. Sciberras, megħjuna wkoll minn referenzi għal bosta awturi importanti kif ukoll diversi stampi sbieħ, jgħinuna nifhmu u nikkontemplaw dan fil-kwalitajiet regali tas-Sultan tagħna.

Ħafna drabi naħseb li bit-tagħlim kollu li għandna fir-reliġjon tagħna kultant nirriskjaw li nitilfu l-mira ta' dak li hu ċ-ċentru tal-fidi tagħna kollha: il-Mulej Ġesù. Għalhekk, f'dawn il-jiem u ġimgħat li naqra naqra jqarrbuna lejn it-tmiem tas-sena liturġika u s-solennità ta' Kristu Re, dan il-ktieb ġdid ta' Mons. Sciberras hu għodda mill-aqwa ta' riflessjoni dwar Ġesù s-Sultan tagħna.

*Ġesù Kristu Sultan* jista' jinkiseb għall-prezz ta' €10 mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.





# TNEJN OĦRA U KONT...

PASTORALI TAS-SAĦĦA
PATRI MARIO ATTARD OFMCAP

L-isptar! Il-ktieb tal-ħajja. Il-ktieb li ma jeqdiem qatt. Il-ktieb li dejjem jiġi mġedded. Il-ktieb li dejjem jibqa' rilevanti. Il-ktieb...

Ġejt imsejjaħ f'sala għaliex xi ħadd ħalliena. Mela, wara li assistejt lill-familjari u tlabt fuq il-persuna mejta, iffirmajt il-karta u kont ħiereġ. Iżda, bla ma naf kif, għajnejja ltaqgħu ma' taghha. Kont se nibqa' għaddej bix-xogħol tiegħi. Madankollu xi ħaġa, jew aħjar xi ħadd, qalli biex nieqaf. Nagħfas il-brejk u nkellimha.

Ma nafx għaliex, imma hekk sibtni nagħmel. Fdajt, jew biex inkun aktar eżatt, intlaqt f'dak li ħassejt dak il-waqt ġewwa fija. Waqaft. Mort ħdejn sodditha u bdejt inkellimha. Minn għajnejha stajt noħodha li ma kinitx sew. Kelma wara l-oħra u ftaħna konverżazzjoni sħiħa. F'daqqa waħda daret lejja u qaltli: "Patri! Jiena qiegħda hawn b'OD!" "Jiddispjaċini," issuktajt ngħidilha jien. "Uuu, Patri! Ħsibt li kien qed jaqlibhieli. Iċċekkjajt u hekk kien, fil-fatt. Ma stajtx naċċettaha, din. Għalhekk qbadt flixkun pilloli u blajthom. Għal tnejn oħra u kont immur id-dinja l-oħra. Ma flaħtx naffaċċja l-problema waħdi. Għalija kienet kbira wisq!"

"Għandek ulied?" staqsejtha. "Iva, għandi", issuktat hi. "Qatt ħsibt li stajt tħallihom warajk?" "Għandek raġun," qaltli, "imma dak il-ħin waqgħet fuqi ċappa dlam. U l-unika ħaġa li rajt quddiemi hi kif ħa neħles minn din il-problema. Issa hemm problema oħra." "X'inhi?" staqsejtha. "Hija dik li hu jgħid li jħobbna t-tnejn. Iħobb kemm lili u kemm lilha. Itlob għalina, Patri, jekk jogħġbok!" "Mela le!" dlonk weġibtha jien.

Din l-esperjenza fakkritni f'realtà mill-aktar importanti fil-ħajja. Kemm persuni jorbtu qalbhom ma' nies oħra! Kemm persuni jibnu l-ferħ tagħhom ma' skont kif ikunu persuni oħra magħhom! Imma, u b'mod kostanti, il-ħajja qed turina li "misħut il-bniedem li jittama fil-bnedmin" (Ġer. 17, 5). U l-bniedem jinsteħet mhux għaliex il-Mulej jisħtu. Anzi! Il-Mulej iberikna jrid. Imma meta l-bniedem jibda jsejjes ħajtu fuq bniedem ieħor minflok ma jsejjisha fuq il-Mulej, jiġġarraf! Għaliex x'jiġrilu, skont ma tgħidilna t-tixbiha tal-ktieb tal-Profeta Ġeremija? "Ikun bħal siġra tal-għargħar fix-xagħri, li ma tara ebda ġid ġej, li tgħammar f'art tikwi fid-deżert, art mielħa fejn ħadd ma jgħammar" (Ġer. 17, 6).



In-nuqqas ta' fidi jħawwilna f'postijiet fejn, minflok li fihom insibu l-ħajja, insibu l-mewt.



In-nuqqas ta' fidi jdaħħalna f'sitwazzjonijiet fejn ma naraw l-ebda ġid ġej. In-nuqqas ta' fidi jdaħħalna fl-art tikwi tax-xewqa li niġu maħbuba mill-bnedmin. Imma, jaħasra, l-imħabba tal-bniedem ma xxabbax! Anzi! Tmellaħ l-ilma ħelu. Issaħħan l-ilma frisk bil-passjoni tagħha biex imbagħad dak l-ilma, jiġifieri l-kapaċità li hemm fija u fik li nħobbu b'mod gratwit u ferħan, toqtolha. U dik il-kapaċità tispiċċa biex tintrema. In-nuqqas ta' fidi joħodna, iva, fi stati f'ħajjitna fejn ħadd ma jgħammar. Għaliex min tassew irid jgħammar f'post li hu infestat bi spirtu ta' dwejjaq u disprament?

Il-bniedem ma jilliberax bniedem ieħor. Il-bniedem ma jwessax l-orizzonti ta' bniedem ieħor. Huwa biss il-Mulej li jista' jagħmlu dan. Għaliex imħabbet il-Mulej m'għandhiex x'taqsam ma' dik tagħna l-bnedmin. Aħna skarsi wisq fl-imħabba. Kemm insibuha diffiċli li naħfru! U kemm naqilgħu l-istonku tagħna biex naħfru lil xi ħadd. Anki meta nafu kemm il-Mulej jaħfer lilna, il-ħin kollu. Għalhekk il-Mulej waħdu jagħtina l-ħelsien. Hu biss joħroġna għad-dawl tat-tama. Hu biss idaħħalna fil-ferħ veru, li hu infinit. Hu biss jista' joħroġna mill-ħabs u l-iskjavitù tas-sitwazzjoni u jmexxina lejn art tnixxi l-ħalib u l-għasel.

Għalhekk kelmtu ssir tarka soda meta l-għadu jitfgħalna l-vleġeġ tas-solitudni u tan-niket. Kemm hi sabiħa l-kelma qawwija li jagħtina Ġesù fuq il-qawwa tal-kelma tiegħu!

"Għalhekk, kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-Irwiefen u habtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat" (Mt. 7, 24). Tajjeb imma li nfakkru ftit fuq liema kliem qed jitħaddet Ġesù hawnhekk.

Ġesù qed jitħaddet fuq x'jagħmel il-bniedem hieni, li n-Nisrani jkun il-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja. Ġesù qed jitħaddet dwar il-korla, l-adulterju, id-divorzju, il-ġurament, il-vendetta, l-imħabba lejn l-għedewwa, l-elemożina, it-talb, is-sawm, it-teżori fis-sema, il-ħarba mid-dnub, Alla u l-flus, l-inkwiet u t tħassib, il-ġudizzju, il-providenza tal-Mulej, il-bieb id-dejjaq, is-siġra li tingħaraf minn frottha u t-twissija ta' min ma jridx joqgħod għal dan il-kliem. Interessanti l-kumment ta' San Mattew dwar diskors Ġesù: "Ġara li, meta Ġesù temm dan id-diskors, in-nies baqgħu mistagħġba bit-tagħlim tiegħu, għax hu kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa u mhux bħall-kittieba tagħhom" (Mt. 7, 28-29).

X'setgħa ta' diskors dan! X'orizzont u fejqan jagħti lill-moħħ u l-qalb, kliem Ġesù! X'qawwa jagħti lil min ifittex li jisimgħu!

Mela ħallini mill bott tal-pilloli! Fil-problemi aħjar naqra kapitli 5 sa 7 ta' San Mattew. Aqta' kemm jaħbatli aħjar!

# "JEKK TMUT, TAGĦMEL ĦAFNA FROTT"
(ĠW. 12, 24)



SEHEM IL-LAJĊI FIL-KNISJA
JUDE MUSCAT

## In-nassa

Xi tribujiet Afrikani kellhom sistema eċċellenti kif jikkaċċjaw għax-xadini. Iħaffru toqba żgħira ġo ġewża tal-Indi (coconut), inaddfuha minn ġewwa, jitfgħu xi frott li jħobbu x-xadini u jħalluha mdendla u marbuta sew ma' siġra. Il-qies tat-toqba jippermetti li xadina ddaħħal id vojta, imma meta tkun mimlija, magħmula ponn, l-id ma toħroġx! Biex ma titlaqx l-ikel minn idejha x-xadina tinqabad. Is-suċċess tan-nassa jinsab fir-ras iebsa u l-ħniżrija tax-xadina!



L-istorja turina verità dwar ix-xadina, imma x'aktarx turina wkoll verità dwarna nfusna: min jaf jekk ir-ras iebsa tagħna u r-rabta tagħna mal-ġid li jgħaddi humiex idaħħluna f'nassa u jorbtuna quddiem l-għadu tagħna?

## Il-missjoni

Il-Mulej ta missjoni importanti lil Franġisku: "Mur irrestawra l-Knisja tiegħi, li qed tiġġarraf!" Franġisku għall-ewwel ħaseb li kellu jibni l-knisja mwaqqgħa ta' San Damjan. Biex naqtgħu fil-qasir, Franġisku fehem sew il-missjoni li tah Alla meta moħħu ma baqax imdallam bil-ħsibijiet u l-ħwejjeġ ta' din l-art. Nafu kif meta Franġisku beda jqassam l-oġġetti ta' missieru lill-fqar, b'rabja missieru ħadu quddiem l-isqof. Franġisku rrisponda billi neħħa anke l-istess ħwejjeġ li kellu fuqu!

Kif ħeles mill-irbit tad-dinja, moħħu u qalbu nfetħu beraħ biex jisma', jifhem u jobdi r-rieda ta' Alla. Fehem sew, imbagħad, San Franġisk, li mhux restawr tal-ġebel ried il-Mulej, imma r-restawr tal-qalb. Kif fetaħ idejh u telaq dak li qabel kien għażiż għalih, Franġisku fehem perfettament xi jfisser il-kliem ta' Ġoel: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej..." (3, 13).

## Il-missjoni ħaġa waħda mal-grazzja

Personaġġ ieħor li kellu missjoni tixbah lil dik ta' San Franġisk kien propju San Pawl: l-appostlu tal-ġnus. Ġera mal-ibliet prinċipali ta' żmienu biex ixandar lil Kristu u jwaqqaf komunitajiet Insara. L-Ispirtu Qaddis ta lil Pawlu l-missjoni li jibni, u 'l Franġisku dik li jirrestawra!

F'dawn iż-żewġ ħidmiet kumplimentari naraw li hemm ħaġa komuni. Pawlu jiddesrkiviha hekk: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm f'li nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu" (Fil. 3, 8).

Jiena ċert li din l-attitudni mhix kumbinazzjoni imma hija l-ħidma tal-Ispirtu Qaddis f'ħajjithom. Mal-missjoni tal-għaġeb li fdalhom f'idejhom, huwa tahom għerf, għaqal u qawwa biex jgħixu din il-missjoni f'telqa sħiħa f'idejn Alla. Hemm personaġġi oħra fl-istorja tal-Knisja li fihom dawn iż-żewġ elementi, jiġifieri l-mewta personali u l-bini tal-Knisja, jiġu flimkien. Imma



jidhirli jien li dawn it-tnejn huma biżżejjed biex nifhmu li l-missjoni tal-bini tal-Ġisem ta' Kristu la trid periti, la bennejja primi, la designers u lanqas permessi tal-MEPA! Neċessarjament jirrikjedu abbandun totali f'idejn Alla u mewta personali għal dak li hu tad-dinja.

## Il-missjoni tiegħi wkoll

Din is-sejħa mhix biss għal Pawlu, għal Franġisku, għall-Papa, il-qassisin jew is-sorijiet, imma għal kull min hu mgħammed. Il-Papa Franġisku, waqt l-udjenza ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2013, qal hekk:

*Il-Knisja mhix xi biċċa drapp minsuġa minn oġġetti jew interessi. Hija t-tempju tal-Ispirtu Qaddis, it-tempju li fih Alla jaħdem... it-tempju li fih aħna nsiru ġebel ħaj. Dan ifisser li fil-Knisja ħadd mhu bla użu, u jekk xi darba xi ħadd jgħidlek: "Mur id-dar, int m'intix tajjeb," temminx, għax din mhix verità... Aħna lkoll bżonjużi... ilkoll l-istess quddiem Alla. Xi ħadd jista' jgħidli: "Isma', Sur Papa, inti mhux bħalna!" Iva, jiena bħal kull wieħed u waħda minnkom; aħna lkoll aħwa! Ħadd mhu anonimu: ilkoll kemm aħna nsawru u nibnu l-Knisja.*



Mela jekk qatt ħsibt li s-sejħa għall-bini tal-Knisja ma tgħoddx għalik, issa taf. Ladarba lkoll kemm aħna msejħin b'dan il-mod, allura tgħodd għalina wkoll it-tagħlima li nieħdu mill-istorja tal-kaċċa għax-xadini.

Forsi ngħidu: "Imma jien ngħix fid-dinja tax-xogħol, tal-familja; għandi bżonn inkun fid-dinja u ngħix minn dak li tagħti d-dinja. Għandi bżonn li nrabbi lil uliedi u nmantni l-familja tiegħi. Nista' jien nirrinunzja għal dawn il-bżonnijiet?" Ċertament li le! Il-Mulej mhux qed jitlob minna li nirrinunzjaw għall-bżonnijiet, u lanqas qed jitlob minna li nżommu l-familji tagħna fl-għaks! Li jitlob minna hu li fil-kuntest u l-istat partikolari tagħna nkunu kapaċi nifthu jdejna, immutu għal dak li hu żejjed u nitgħallmu nittamaw aktar fil-ħniena u t-tjieba ta' Alla.

Nagħlaq billi npoġġi għar-riflessjoni tagħna din is-silta: "Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skont it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett" (Rum. 12, 2).



# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN



AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

## Il missjoni tal Kenja ssir Missjunarja

Aħbar sabiħa u li tagħmlilna kuraġġ hija dik li issa, għall-ewwel darba, il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja saret missjunarja. Dan ifisser li issa l-preżenza tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja, wara 44 sena ta' ħidma bla waqfien, qed tagħti l-frott tagħha anke 'l barra mix-xtut ta' dan il-pajjiż.

Kien madwar 10 snin wara li l-Kapuċċini Maltin daħlu fil-Kenja (fl-1974) li huma bdew jaħdmu għal vokazzjonijiet ġodda minn fost il-Kenjani. Din il-ħidma bħala pijunier tagħha kellha lil Patri Pelaġju Bilocca, mimli bil-għomor. Mill-ewwel kien hemm tweġiba pożittiva. Fil-fatt illum il-Kapuċċini Kenjani huma 11-il aspirant, jiġifieri dawk li qed jippreparaw sabiex jagħtu bidu għall-ħajja konsagrata fil-fraternità Kapuċċina Kenjana; hemm 12-il postulant, 4 novizzi, 33 Kapuċċin bil-professjoni temporanja; 6 Aħwa Kapuċċini bil-professjoni perpetwa u 58 saċerdot Kapuċċin. Total ta' 124 Aħwa Kapuċċini Kenjani, meta f'Malta l-Kapuċċini llum ilaħħqu għal 72 Aħwa Kapuċċini Maltin!

Matul il-kapitlu li sar fi Frar tas-sena 2015 il-Kapuċċini Kenjani, minħabba li n-numru, għall-grazzja ta' Alla, qed jikber, ħadu d-deċiżjoni li jestendu l-ħidma tagħhom mhux biss fil-Kenja imma wkoll barra mill-Kenja. Għalhekk f'Settembru tas-sena li għaddiet żewġ Aħwa Kenjani ġew mibgħuta bħala missjunarji fid-djoċesi ta' Mendi ġewwa Papua New Guinea. Dawn huma **Fr Ephraim Okello** u **Fr Onesmus Muema Wambua**.



**Fr Ephraim Okello** ġie ordnat saċerdot fit-12 ta' Awwissu tas-sena 2006. Diġà wettaq l-istudju superjuri tiegħu billi ħa l Masters fil filosofija mill-Università Gregorjana ġewwa Ruma.



**Fr Onesmus Muema Wambua** ġie ordnat saċerdot is-sena li għaddiet, jiġifieri fl-4 ta' Frar tas-sena 2017.

Huma ħallew il-Kenja nhar il-15 ta' Settembru tas-sena li għaddiet, l-2017.

Filwaqt li fil-preżent qegħdin ikomplu jistudjaw il-lingwa, Fr Ephraim diġà beda jgħallem il-filosofija fis-seminarju tad-djoċesi ta' Mendi, u fl-istess waqt qed jagħti s-sehem pastorali tiegħu fil-parroċċa fdata f'idejn il-Kapuċċini, li hija ddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, filwaqt li Fr Onesmus Muema Wambua huwa l-kappillan tal-istess parroċċa.

Nistgħu ngħidu li din hija paġna oħra tad-deheb fl-istorja tal-preżenza tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. Huwa ta' ferħ kbir li l-missjunarji Kapuċċini Maltin qed jagħmlu missjunarji ġodda li huma wkoll imorru jxandru l-Bxara t-Tajba lil ġnus oħra. Nifirħulhom, inkomplu nitolbu għalihom u wkoll nagħtuhom kull appoġġ finanzjarju, bil-għan li l-ħidma tal-evanġelizzazzjoni tkompli tinfirex, bil-għan li tkompli "tiġi s-Saltna ta' Alla fuq din l-art".

## Talb għall-mejtin mill-aħwa Kapuċċini

Nhar it-Tlieta, 7 ta' Novembru 2017, bħalma jsir ta' kull sena, l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini żammew l-appuntament tagħhom sablex jingabru fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid. Din iċ-ċelebrazzjoni ssir kull sena fix-xahar ta' Novembru, bil-għan li niftakru fil-mejtin kollha tagħna, mhux biss l-Aħwa Kapuċċini li ħallewna imma wkoll l-Aħwa tal-Ordni Franġiskan Sekulari, ġenituri, qraba, benefatturi u ħbieb.



Din iċ-ċelebrazzjoni ngħata bidu għaliha fid-9.30 ta' filgħodu, billi dawk kollha li pparteċipaw imxew f'korteo mill-bieb prinċipali taċ-ċimiterju sal-kappella, fejn ingħadet it-talba tar-rużarju mqaddes. Fil-kappella ġiet iċċelebrata quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Ministru Provinċjal Ħuna P. Effie Mallia OFMCap. Waqt l-omelija Ħuna Effie fisser kemm huwa meħtieġ li lkoll kemm aħna mhux biss niftakru fil-mejtin tagħna imma li wkoll niftakru fil-mewt tagħna u nippreparaw bis-serjetà għaliha. Din il-preparazzjoni ssir fuq kollox bl-imħabba ta' bejnietna u bl-opri tajba li nagħmlu ma' xulxin, għal xulxin u flimkien. Wara li ntemmet il-quddiesa, dawk kollha preżenti mxew lejn l-oqbra fejn hemm midfuna l-Aħwa Kapuċċini u hemmhekk sar talb għall-Aħwa mejtin.

Ħasra li għal din iċ-ċelebrazzjoni mimlija tifsir ta' mħabba lejn l-Aħwa li ħallewna, il-parteċipazzjoni kienet fqira kemm min-naħa tas-saċerdoti u anke min-naħa tal-membri tal-OFS. Tajjeb li jsir kull sforz sabiex dan l-appuntament ta' kull sena ma jintilifx.



## Maratona b'risq il-missjoni tal-Kenja

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Novembru 2017 fil-knisja parrokkjali ta' San Publiju, il-Furjana saret quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Emeritu Mons. Pawl Cremona OP, fl-okkażjoni tal-għoti tal-flus miġbura mill-maratona b'risq il-missjoni li saret nhar it-8, 9 u 10 ta' Settembru. Il-quddiesa kienet animata bil-kant mill-kor tal-komunità Eritreana f'Malta.



Din il-maratona ġiet organizzata mill-Fondazzjoni U, li tagħha Dun Ġwann Farrugia huwa l-fundatur u d-direttur. Għal din il maratona kien hemm ħames benefiċjarji, fosthom il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. Nixtiequ ngħidu grazzi kbira lil Dun Ġwann u lill-Fondazzjoni U, li għal sena oħra għażlu lill-missjoni tal-Kenja sabiex tibbenefika mill-ġbir li sar matul il-maratona. Minn qiegħ qalbna ngħidu wkoll grazzi lil eluf ta' Maltin

u Għawdxin għall-ġenerożità li wrew matul din il-maratona, bl-għotjiet tagħhom. Żgur li l-Mulej Alla jagħraf fl-imħabba kbira tiegħu jirrikompensa lil kull min ta f'ismu, għax kif qalilna Ġesù stess, għal kull tazza ilma li tingħata lil kull wieħed mill-fqar f'ismu, bħala ħlas jingħata lura mitt darba aktar.

## Bazaar b'risq il-missjoni



Għal sena oħra l-Grupp Familji Franġiskani tal-Furjana ħa ħsieb jorganizza l-**bazaar tal-Milied** b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja. Dan il-bazaar sar matul il-ġimgħa bejn il-5 u t-12 ta' Novembru 2017. Din hija attività li hemm marbut magħha ħafna impenn, fejn il-membri tal-GFF jieħdu ħsieb matul is-sena jiġbru u jirċievu diversi donazzjonijiet li n-nies jagħtu, sabiex jinbiegħu fl-istess bazaar. Għalhekk f'isem il-missjunarji tagħna fil-Kenja nixtiequ ngħidu grazzi kbira lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom għas-suċċess ta' dan il-bazaar, li minnu nġabret is-somma sabiħa ta' €4,000. Ngħidu wkoll grazzi lil dawk li matul il-ġimgħa tal-bazaar ġew u xtraw, bil-ħsieb f'moħħhom u f'qalbhom li jgħinu lill-missjoni.

## Parroċċa Madonna ta' Lourdes – San Ġwann Quddiesa għall-Morda u l-Anzjani Kummissjoni Djakonija

L-għan tal-Kummissjoni Djakonija huwa li l-membri joffru servizz ta' sapport bl mħabba lill-membri tal-parroċċa li jkunu qed jesperjenzaw xi mumenti diffiċli f'ħajjithom.

Madwar tnax-il sena ilu, waqt waħda mil-laqgħat tal-Kummissjoni Djakonija, Patri John Vella OFMCap wera x-xewqa li l-Kummissjoni tibda taħdem sabiex tkun aktar ta' servizz għan-nies morda u anzjani li jgħixu fil-parroċċa ta' San Ġwann. Minn hawn bdiet issir il-quddiesa għall-morda u l-anzjani darbtejn fis-sena, jiġifieri fil-11 ta' Frar, fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Morda, u fl-aħħar Sibt ta' Lulju, fl-okkażjoni tal-festa parrokkjali.

Ċelebrazzjoni bħal din tirrikjedi ħafna pjanar minn tal-inqas xahrejn qabel. Waqt iż-żjarat fid-djar, il-patrijiet tal-parroċċa jgħinu lill-anzjani li huma jżuru sabiex jimlew l-applikazzjoni biex ikunu jistgħu jirriservaw it-trasport sabiex jiġu għal din il-funzjoni. Barra minn hekk, diversi djar tal-anzjani jiġu mistiedna sabiex jakkumpanjaw lir-residenti tagħhom għal din il-quddiesa.

Grazzi għad-diversi voluntiera li joffru l-għajnuna tagħhom fil-ġurnata tal-quddiesa, il-Kummissjoni Djakonija jirnexxilha toffri trasport qabel u wara l-quddiesa lil madwar 25 persuna. Barra minn hekk, il-voluntiera, flimkien mal-membri tal-Kummissjoni, jippreparaw xi ħaġa tal-ikel u x-xorb għal wara l-funzjoni, biex b'hekk il-persuni li jipparteċipaw f'din il-quddiesa jkollhom ċans jitkellmu ftit flimkien.

Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa jiġi amministrat is sagrament tal-griżma tal-morda, fejn dawk preżenti jiġu midlukin biż-żejt tal-griżma.

L-apprezzament tal-persuni li jipparteċipaw f'din iċ-ċelebrazzjoni, kemm tal-anzjani u l-morda kif ukoll tal-familjari tagħhom, jagħtina kuraġġ sabiex nibqgħu nagħmlu din iċ-ċelebrazzjoni darbtejn fis-sena.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lill-voluntiera li jassistuna waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, lil Patri John Vella, lill-membri tal-Kummissjoni Djakonija kif ukoll lill-fraternità tal-parroċċa ta' San Ġwann.







# ROKNA GĦAT-TFAL

NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU
NUŻAW IL-BIBBJA

KOMPETIZZJONI
FR WISTIN ATTARD OFMCAP

## AQTA' MIN NRU 31

1. Jagħmel il-bnedmin bħall-ħut u l-bhejjem. (Ħab. 1, 14)
2. Se joqgħod jistenna x'se jgħidlu l-Mulej. (Ħab. 2, 1)
3. Dan jgħix bil-fedeltà tiegħu. (Ħab. 2, 4)
4. Dawn għandhom ifittxu l-Mulej. (Sof. 2, 3)
5. Għad titkeċċa 'l barra. (Sof. 2, 4)
6. Huma biss għad jirgħaw. (Sof. 2, 6)
7. Il-profeta tal-Mulej. (Ħag. 2, 10)
8. Dawn wieġbu u qalu: "Le." (Ħag. 2, 12)
9. Kulma joffru dawn huwa mniġġes. (Ħag. 2, 14)
10. Dawn ħarbtu l-art ta' Ġuda. (Żak. 2, 1 – ara n-nota)
11. Kellu ħabel biex iqis. (Żak. 2, 5)
12. Ħa jkun fiha ħafna nies u bhejjem. (Żak. 2, 8)

## TISLIBA NRU 161




1. Fejn mar Abimelek. (Imħ. 9, 1) (5)
2. Fuqiex jitqiegħed il-musbieħ. (Mt. 5, 15) (6)
3. Ġbidt il-ħsara fuq rasek... (Dan. – bil-Grieg – 13, 55) (5)
4. Fuq dan ser jibqa' wieqaf. (Ħab. 2, 1) (5)
5. Levita minn ulied dan. (2 Kron. 20, 14) (4)
6. X'fiha l-għalqa. (Għerf 3, 7) (5)
7. U jekk jiġrili hekk, hekk. (Est. 4, 16) (5)
8. Kull min kellu djar jew dawn. (Atti 4, 34) (5)
9. Iben Bagħsa. (1 Slat. 16, 6) (3)
10. Jieħdu Kangħan sa... (Għabd. 20) (7)
11. u 12. M'hemmx aktar dan l-ingwent. (Ġer. 8, 22) (6)
13. Sellmu b'bewsa ta' din. (1 Pt. 5, 14) (6)
14. Li ma jagħtix smigħ. (2 Tess. 3, 14) (5)
15. M'għandkomx taħkmu b'dal-mod. (Lev. 25, 46) (5)
16. La qadima u lanqas tal-qerq. (1 Kor. 5, 8) (5)
17. Spirtu ta' qawwa, imħabba u... (2 Tim. 1, 7) (5)
18. Rigal min ***jixtri***. (Prov. 17, 8) (7)
19. Sultan ta' Gatt. (1 Sam. 21, 11) (4)
20. U..., ftit kellkom. (Ħag. 1, 9) (3)
21. "Mela min int? ...?" (Ġw. 1, 21) (5)
22. Fih il-ġisem kollu jsib din. (Efes. 4, 16) (5)

Agendabookshop

Soluzzjoni għal Tisliba #160

1. Saħta; 2. Jdennu; 3. Ħutna; 4. Saħħa; 5. Anna; 6. Arfad; 7. Aħdmu; 8. Abner; 9. Tin; 10. Nuħħala; 11. u 12. Duħħan; 13. Arsaki; 14. Ninwè; 15. Żball, 16. Barra, 17. Ħdim; 18. Imħabba; 19. Ħosa; 20. Sid; 21. Wasal; 22. Rekem.

Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Novembru 2017

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni Nru 30 Annimali fil-Bibbja (2) hija Liam Pulis – 2, Lorien, Triq iż-Żinja, Santa Luċija. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 160 hija Marija Muscat – 12, Triq Ġnien Xibla – ix-Xagħra XRA 2400, Għawdex. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

1. Borża ta' studju
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għadna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar respettiv. **Nagħarfukopm li fix-xahar ta' Diċembru rbaħna €7,000. GRAZZI MILL-QALB.**

4. Bażar b'risq il-missjoni
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; parti minn Birkirkara; l-Isla; Tas-Sliema u parti mill-Marsa.

6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

7. Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI THALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052